# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju 2025**

**Numru: 37**

**Rikors numru: 243/2019/1 TA**

**1. Philip Pirotta;**

**2. Alfred Pirotta;**

**3. Carmelo Fenech;**

**4. John Holland;**

**5. Carmelo Spiteri;**

**6. Anthony Sciberras u b'digriet tat-3 ta' Lulju 2023 l-atti ġew trasfużi f'isem Alexandra May *sive* Sandra Cuschieri, Joseph Sciberras, Leonard Sciberras u Kevin Sciberras wara l-mewt ta' Anthony Sciberras**

**v.**

**1. L-Onorevoli Prim Ministru;**

**2. L-Avukat Ġenerali u b'digriet tas-16 ta' Jannar 2020 isem l-Avukat Ġenerali nbidel għall-Avukat tal-Istat**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mir-rikorrenti minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha nhar il-5 ta' Diċembru 2023, wara li l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontrihom u ma sabitx li r-rikorrenti sofrew diskriminazzjoni jew ksur tad-drittijiet proprjetarji tagħhom talli ma ġewx mogħtija pensjoni skont il-Kapitolu 93 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Daħla**

2. Ir-rikorrenti jgħidu li ġarrbu ksur tad-drittijiet tagħhom hekk kif issalvagwardjati bl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 1 u 14, u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll u t-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u talbu:

> *"Ghaldaqstant l-esponenti, bir-rispett, jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara fil-konfront ta' kull wiehed minnhom:*
>
> *1. Vjolazzjoni tal-art. 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Art. 1, l-Art. 1 tal-Protokol 1 individwalment kif ukoll applikat mal-Art. 14, u l-Art. 1 tal-Protocol 12 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jew mil-liema minnhom minhabba li ir-rikorrenti gewx akkordati penzjoni skond il-Kap. 93;*
>
> *U fil-konfront ta' kull wiehed minnhom individwalment jew mil-liema minnhom*
>
> *2. Taghmel kull ordni neccessarja, inkluz li tillikwida jew taghmel provizzjoni ghal rimedju pekunjarju u non-pekunjarju xieraq li jirrifletti t-telf gia imgarrab u li ghad jigi imgarrab minn kull rikorrent individwalment peress li l-istess ma jippercepux penzjoni skond il-Kap. 93 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna li tali rimedju hekk likwidat jithallas lil kull rikorrent individwalment."*

3. Huma ressqu dawn it-talbiet abbażi tas-segwenti premessi:

*"1. Illi dan ir-rikors hu sostantivament ibbazat, interalia u minghajr pregudizzju ghal-artikolu addizzjonali, fuq l-art. 45 tal-Kostituzzjoi, l-Art. 1, l-Art.1 tal-Protokol 1 individwalment kif ukoll applikat mal-Art. 14, u l-Art.1 tal-Protocol 12 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

*2. Illi ir-rikorrenti kellhom 'kariga pubblika' fi hdan is-'servizz pubbliku', aktar specifikament kienu jahdmu mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili ghal diversi snin qabel is-sena 1979 ghaliex kienu taht id-direzzjoni ta' tali Dipartiment, u kienu jithallsu ta' dan ix-xoghol minn fondi pubblici (vide Dokumentazzjoni JobsPlus Dok. 1-6 annessi);*

*3. Illi ir-rikorrenti jirreferu ukoll ghad-definizzjoni ta' 'kariga pubblika' u 'servizz pubbliku' skont l-Art. 125 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll id-definizzjonijiet kontenuti fl-art. 2 tal-Kap. 93, u il-provedimenti tal-Art. 110 tal-Kostituzzjoni;*

*4. Illi effettivament ir-rikorrenti huma llum ilkoll penzjonanti, liema stat gie fis-sehh wara is-sena 1987;*

*5. Illi ir-rikorrenti qatt ma ircevew il-penzjoni maghrufa komunament bhala 'tat-tezor' jew 'taz-zewg terzi' li hi provduta l-art. 21 ai termini tal-Pensions Ordinance, Kap. 93 tal-Ligijiet ta' Malta li l-iskop taghha hu 'Biex tħassar u tagħmel isseħħ mill-ġdid b'emendi l-liġi dwar l-għoti ta' pensjonijiet, gratifikazzjonijiet u allowances oħra lil persuni fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u dwar il-għoti ta' pensjonijiet u gratifikazzjonijiet lil-dipendenti tagħhom f'xi każijiet.'*

*6. Illi dan qed isir bi sfida ghall-applikazzjoni xierqa ghall-artikoli tal-ligi indikata fl-ewwel u tielet premessa tal-prezenti;"*

4. L-Avukat tal-Istat ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet kemm għan-nom tiegħu u kemm għan-nom tal-Onorevoli Prim Ministru;

*"1.1 Illi in linea preliminari, jekk ir-rikorrenti ma kinux jaqblu mal-ammont u t-tip ta' pensjoni li kienu qed jirċievu, kien hemm rimedji ordinarji li setgħu jutilizzaw u mhux jirrikorru, wara tant snin, għal tali proċeduri straordinarji bħalma huma l-proċeduri kostituzzjonali;*

*1.2 Illi magħdud ma' dan, jidher ċar li r-rikorrenti ħallew ħafna snin jgħaddu sakemm fetħu dawn il-proċeduri. It-trapass ta' dan iż-żmien kollu jitfa' dubji serji kemm effettivament ir-rikorrenti ħassewhom aggravati;*

*2. In linea preliminari wkoll, ir-rikorrenti għandhom jindikaw eżattament liema artikoli ta' liema liġi jew liġijiet qegħdin allegatament jiksrulhom id-drittijiet fundamentali tagħhom;*

*3. Illi preliminarjament ukoll, għal kull buon fini, b'referenza għal dak li erronjament intqal mir-rikorrenti fil-paragrafu numru 5 tar-rikors promotur, l-esponent jirrileva li l-pensjoni tat-teżor hija komunement magħrufa bħala l-pensjoni tas-servizz u mhux taż-żewġ terzi;*

*4. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari preċedenti, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda in toto peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex la hemm ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u lanqas ma hemm ebda ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni jew tal-Ewwel Artikolu tat-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni. Ir-rikorrenti ma ngħatawx il-pensjoni tat-teżor għax ma kinux intitolati għaliha u dan skont il-liġi li tirregola din il-kwistjoni, u ċjoè l-Kap. 93 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ser jiġi muri aħjar matul din il-kawża;*

*5. Illi r-rikorrenti jridu juru wkoll b'liema mod id-drittijiet fundamentali msemmija minnhom ġew allegatament miksura għaliex dan ma joħroġ xejn ċar mir-rikors promotur;*

*6. Illi fir-rigward tal-allegazzjonijiet li jirrigwardaw diskriminazzjoni, ir-rikorrenti ma ssodisfawx element importanti sabiex tiskatta l-applikabbilità ta' tali provvediment. Kemm l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni kif ukoll l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, jissottolineaw li t-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet għandhom jiġu assigurati mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor fil-każ tal-Konvenzjoni u razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess,orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru fil-każ tal-Kostituzzjoni. Fil-każ in diżamina ma ġiet allegata l-ebda diskriminazzjoni għal xi raġuni ta' status kif mitlub, sabiex ikun hemm vjolazzjoni tal-artikoli msemmija;*

*7. Illi sabiex ir-rikorrenti jistgħu jallegaw li ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom ai termini tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, iridu jippruvaw ukoll li saret diskriminazzjoni fuq bażi ta' 'like with like' u dan għaliex mhux kull aġir huwa wieħed diskriminatorju;*

*8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*GĦALDAQSTANT, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofrew l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti."*

5. Permezz tas-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-5 ta' Diċembru 2023 ġie deċiż li:

> *"Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors billi tiċħad it-talbiet kollha rikorrenti bl-ispejjes kontra tagħhom."*

6. Ir-rikorrenti (minn hawn 'il quddiem imsejħin ukoll "l-appellanti") ħassewhom aggravati mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u ressqu appell nhar is-26 ta' Diċembru 2023. L-Avukat tal-Istat u l-Onorevoli Prim Ministru ressqu r-risposta tagħhom nhar is-6 ta' Marzu 2024.

7. Fil-11 ta' Marzu 2024, u ċjoè fil-mori ta' dan l-appell, ir-rikorrenti ressqu rikors permezz ta' liema talbu li skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem din il-Qorti tagħti kull ordni neċessarja u tissana l-lanjanzi proċedurali kommessi fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti u evidenzjati fis-sentenza hawn appellata u li din il-Qorti tordna li tiġi prodotta mill-Istat kull informazzjoni relattiva li tippermetti l-eżekuzzjoni ġudizzjarja neċessarja għad-determinazzjoni tat-talbiet sostantivi tal-appellanti skont il-liġi u l-ekwità.

8. Permezz ta' risposta tal-11 ta' April 2024, l-Avukat tal-Istat u l-Onorevoli Prim Ministru oġġezzjonaw għal din it-talba.

**Fatti**

9. Din il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għall-elenku ta' fatti miġbur mill-Ewwel Qorti:

*"Punti ta' fatti*

*1. Il-Qorti tibda biex tirrileva li r-rikors promotur huwa pjuttost xott inkwantu jirrigwarda n-narrativa storika ta' dak li wassal lir-rikorrenti jressqu t-talba tagħhom. Meta l-fatti saljenti u prinċipali li fuqhom ikun imsejjes l-ilment jiġu spjegati b'mod aktar ċar fir-rikors promotur dan huwa ta' għajnuna kbira għall-Qorti sabiex ma jkollhiex bżonn toqgħod tispigula l-fatti hi mill-provi li jinġiebu fil-perkors tas-smiegħ. Dan biex fl-ewwel lok ma jkunx hemm ħafna ħela ta' ħin u fit-tieni lok ikunu l-istess rikorrenti li jiffissaw sa mill-bidu l-kwadru fattwali u mhux ħadd ieħor għalihom.*

*2. Ir-rikorrenti jgħidu, li huma kienu jokkupaw kariga pubblika fi ħdan is-servizz pubbliku meta kienu jaħdmu mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili qabel is-sena 1979. Mill-employment history ta' kull wieħed mir-rikorrenti abbażi ta' dokumenti minnhom esebiti mar-rikors promotur, kien is-segwenti: Philip Pirotta bejn l-1 ta' April 1979 u l-12 ta' Diċembru 2001 kien mad-Dipartiment taċ-Civil Aviation (DCA). Qabel din id-data ukoll kien mad-DCA pero' bejn l-1 ta' Jannar 2002 u t-23 ta' Novembru 2004 kien impjegat mal-Air Traffic Services Ltd (a' fol 4); Alfred Pirotta bejn l-1 ta' April 1979 u l-14 ta' Diċembru 1997 kien impjegat mad-DCA u kien impjegat mal-istess Dipartiment mit-13 ta' Jannar 1954; Carmelo Grech mill-1 ta' April 1979 sat-30 ta' Lulju 1994 kien ukoll mad-DCA u hekk kien qabel mis-16 ta' Ġunju 1950 (a' fol 6); John Holland mill-1 ta' April 1979 sal-31 ta' Diċembru 2001 kien mad-DCA u qabel dik id-data mit-23 ta' Ġunju 1972 sal-31 ta' Marzu 1979 ukoll kien mad-DCA; Anthony Sciberras mill-1 ta' April 1979 sas-17 ta' Jannar 1998 kien mad-DCA kif kien qabel din id-data mill-1956 (a' fol 9). Għalhekk jidher li uħud mir-rikorrenti mill-1 ta' Jannar 2001 kienu ġew maqluba għall-Kumpanija Malta Air Traffic Services Ltd. (a' fol 4,7,8) u oħrajn laħqu spiċċaw meta kienu għadhom jidhru mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni (a' fol 5, 6, u 9).*

*3. Dawn il-persuni jilmentaw li ma rċevewx penzjoni tat-teżor ossia tas-servizz skond art 21 tal-Kap 93 tal-liġijiet ta' Malta. Saviour Theuma għad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali jikkonferma li r-rikorrenti ma humiex jieħdu penzjoni tat-Teżor (a' fol 36 tergo). Fil-waqt li Espedito Grech, Director Research and Personnel Systems with People and Standards li jieħu ħsieb ir-records tan-nies tal-Public service u salarji*

*tagħhom jixhed, li r-rikorrenti kienu parti mill-Public service*[1] *(a' fol 65 tergo u dokumenti a' fol 67 sa 72).*

*4. Pero' fl-14 ta' April 1973 135 minn 137, f'laqgħa mal Unjin għażlu "to retain the same terms and conditions enjoyed with Aeradio Ltd, with any government cost-of-living improvements, for so long as use continued to be made in Malta by the British authorities, after which the Malta Government would have no responsibility for the emplyees." (a' fol 143 u tergo.) Kien għalhekk li l-għada li telqu l-Ingliżi ġew formalment ringaġġati mal-Gvern b'effett mill-1 ta' April 1979 (ara per eżempju dok a' fol 111).*

*5. Fid-dawl tal-fatti esposti u provi oħra risultanti mill-proċess, ir-rikorrenti qegħdin isostnu li huma intitolati għal penzjoni tas-servizz abbażi tal-artiklu 21 tal-Kap 93 tal-Liġijiet ta' Malta bl-istess mod li ħaduha kategoriji ta' ħaddiema oħra. Kif wieħed jista' jara l-posizzjoni tar-rikorrenti kemm fil-fatt u kif ukoll fil-liġi hija waħda kumplessa u kien għalhekk li r-rikors promotur kellu jkun aktar dettaljat fl-esposizzjoni tal-fatti ċari. Ma għandhiex tkun il-Qorti li toqgħod tiskopri l-fatti u di piu', il-konvenuti għandhom ikunu jafu sa mill-bidu tal-Kawża bil-fatti kollħa mingħajr ħtieġa li jridu joqgħodu jiskopruhom matul il-Kawża, bil-possibbilta' li jingħataw eċċezzjonijiet ulterjuri, ħaġa li fortunatament f'din il-kawża ma ġratx."*

10. *Oltre* x-xhieda msemmija fl-elenku ta' fatti xehdu wkoll:

i. "**rappreżentant ta' Transport Malta** li xehed li d-dipartiment tas-Civil Aviation jaqa' taħt Transport Malta iżda ma kellu l-ebda informazzjoni rigward persuni *detailed* ma Transport Malta qabel l-2010 u anqas kellu informazzjoni s-Civil Aviation Department (a' fol 23 u 24);

ii. **Graziana Cassar għan-nom tad-Direttur tal-Informazzjoni** li esebiet avviż tal-24 ta' Ottubru 1978 li kien jgħid li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kienet qed tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' diversi gradi fit-Taqsima tal-Komunikazzjonijiet, kif jidhru fl-iskeda inkluża. Dan l-avviż kien jinkludi: l-kundizzjonijiet, li l-avviż kien intiż għall-impjegati bl-uniformi u pajżana li diġà qegħdin jagħmlu dmirijiet bħal dawn fl-ajrudrom ta' Ħal Luqa u għal persuni li għamlu dmirijiet bħal dawn fl-ajrudrom għal-perjodu ta' tmintax -il xahar matul l-aħħar għaxar snin, li kienet ser tingħata preferenza lil membri tal-MPC u tad-DIM. Ġiet preżentata wkoll *Press Release* datata l-21 ta' Mejju 2019 li permezz tagħha ġie kkomunikat illi ttieħdet deċiżjoni tal-Kabinett biex jingħata ħlas *ex gratia* lil eks ħaddiema tat-Telemalta, tal-Gas Board u eks-apprentisti tal-Malta Electricity Board (a' fol 25 sa 29);

[1] Din il-Qorti rat mill-1 ta' April 1979.

iii. **Joseph Debono għan-nom tal-Kummissarju tat-Taxxi** li ppreżenta dokumentazzjoni li turi t-taxxi mħallsa u l-FS3 fir-rigward tar-rikorrent Philip Pirotta biss (a' fol 30 sa fol 35);

iv. **David Pace li kien kollega antik tar-rikorrenti** sal-1976. Hu kien l-accountant tal-kumpannija International Aeradio Limited, li kienet ikkuntrattata mill-Gvern biex tagħti servizz tal-*air traffic control* u telekomunikazzjoni, u xogħlu kien jinvolvi ċċarġjar lill-*airlines* li kellhom ajruplani li kienu jgħaddu mill-*flight information region* ta' Malta, liema flejjes kienu jiġu depożitati fil-Bank Ċentrali. Il-kuntratt bejn il-kumpannija u l-Gvern kien ta' *contract on cost plus basis* li jfisser l-ispejjeż kollha *plus*. Din il-kumpannija baqgħet topera f'Malta sal-1972 u dan għaliex il-Gvern ma rrinovax il-kuntratt li kellhom il-kumpannija u wara dan ix-xogħol beda jsir mid-Direttur tal-Avjazzjoni Ċivili. Meta l-kumpannija kienet topera Malta, l-ħaddiema kienu impjegati direttament magħha u l-pagi tal-ħaddiema kienu jinħarġu minn kont tal-bank li kellha l-istess kumpannija. Wara li l-kumpannija ma baqatx topera Malta, l-pagi kienu jitħallsu mit-Teżor jew mill-Finanzi u joħorġu mill-Bank Ċentrali, għalkemm fil-prattika hu kien iqassam il-paga direttament lill-ħaddiema (a' fol 52 sa fol 54);

v. **Grazio Barbara, Direttur Ġenerali Sigurtà Soċjali**, li ma saret l-ebda applikazzjoni msejjħa GP61 f'isem ir-rikorrenti għall-pensjoni tat-teżor, liema applikazzjoni normalment issir mill-individwu u d-dipartiment f'liema jkun qed jaħdem l-individwu. Hu xehed li r-rikorrenti mhux intitolati għall-pensjoni tas-servizz għaliex l-*appointment* tagħhom ma sarx qabel il-15 ta' Jannar 1979 u li fil-każ tar-rikorrenti, meta spiċċaw mill-impjieg kienu qed jaħdmu mal-Malta Air Services Limited u li qabel dan kienu ġew assorbiti ġewwa d-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili wara li l-kumpannija Ingliża li kienu mpjegati magħha kellha l-kuntratt ta' servizz itterminat li fi Frar tal-1973. Ir-rikorrenti ġew formalment appuntati mal-Gvern fl-1979. Jirreferi għall-iskema tal-Malta Electricity Board u li fl-1970 kien hemm deċiżjoni tal-Kabinett li l-ħaddiema tal-Board kellhom jieħdu l-pensjoni iżda din id-deċiżjoni qatt ma ġiet implimentata (a' fol 73 sa fol 85 inkluż dokumenti rigward bolol imħallsa). Permezz ta' **affidavit hu xehed** li r-rikorrenti kienu impjegati mal-International Aeradio Limited (IAL), li fi Frar tal-1973 il-Gvern kien informa lill- kumpannija li ma kienx bi ħsiebu jġedded il-kuntratt. Id-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili kien ingħata r-responsabiltà li jieħu l-operat tal-ajruport u kienu bdew negozjati bejn il-Gvern u l-General Workers Union rigward il-ħaddiema u ngħataw tliet għażliet u l-ħaddiema kienu għażlu li jkunu taħt il-kontroll effettiv tad-Dipartiment iżda mhux ħaddiema tal-Gvern. Xehed li l-appointment tar-rikorrenti sar wara l-31 ta' Marzu 1979 u għalhekk mhux intitolati għall-pensjoni tas-servizz għaliex ma kinux impjegati tal-Gvern qabel Jannar 1979 (a' fol 299). In kontroeżami stqarr li l-informazzjoni rigward l-għażliet ittieħdet mis-sentenza ta' kawża relatata mas-suġġett in kwistjoni[2]. Jgħid li l-fatt li persuna titħallas mill-Gvern ma jfissirx li hi tkun eliġibbli għall-pensjoni tal-Gvern u dan għaliex l-appointment mal-

[2] **Charles Fenech et vs Onorevoli Prim Ministru et** deċiża nhar l-14 ta' Ottubru 2004 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (mhux appellata).

Gvern seħħ wara Jannar tal-1979. Jgħid li s-sitwazzjoni tal-Malta Electricity Board kienet differenti għaliex kien hemm deċiżjoni tal-Kabinett u ma kienx hemm approvazzjoni mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku 1979 (a' fol 304 sa fol 307);

vi. **Raymond Scicluna, Skrivan tal-Parlament** li esebixxa kopji ta' estratti mill-*Budget Estimates* relattivi għall-Avjazzjoni Ċivili għall-perjodu 1949-1979 (a' fol 89 sa fol 91);

vii. **Ir-rikorrent Philip Pirotta** permezz tal-affidavit li qal li daħal jaħdem mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili fis-sena 1960 sal-2004. Meta beda jaħdem kien jaħdem mal-International Aeradio Ltd. u meta twaqqaf il-kuntratt, hu kompla jagħmel dan ix-xogħol xorta waħda. Hu ħadem ta' messaġġier, *morse code wireless operator, communications officer* u *officer in charge*. Jgħid li dejjem kien jitħallas mill-Gvern tal-ġurnata. Jgħid li meta beda jaħdem il-ftehim u l-liġi kienet li meta jasal għall-pensjoni din kellha tkun taż-żewġ terzi jgħid magħrufa bħala tat-teżor. Hu qatt ma rċieva pensjoni tat-teżor. Jgħid li għalkemm kien ilu snin jaħdem mad-dipartiment, hu ngħata l-*appointment* tiegħu wara l-*cut-off date* tal-15 ta' Jannar 1979. Xehed li meta daħal jaħdem mal-gvern ma kien hemm l-ebda ristrezzjoni dwar il-pensjoni u li s-sistema nbidlet fl-1970 u ma kienx hemm *policy* rigward dan. Jippretendi li hu wkoll jieħu l-pensjoni bħalma ħadu tal-Malta Electricity Board (MEB) illum Enemalta. Hu kien applika għall-"iSkema dwar għotja ta' darba għal persuni li qabel daħlu uffiċjalment fis-servizz pubbliku wara s-16 ta' Jannar 1979 għamlu xi żmien jaħdmu f'dipartimenti tal-Gvern qabel l-1979", liema applikazzjoni kienet ġiet irrifjutata għaliex mat-tmiem tal-ingaġġ fil-korp tax-xogħol ma kienx impjegat uffiċjalment fis-servizz pubbliku. Skont *Service Certificate* tal-International Aeradio Limited, hu kien impjegat mal-kumpannija mit-30 ta' Mejju 1960 sas-7 ta' Frar 1973 (a' fol 96 sa fol 100 inkluż dokumenti). **In kontroeżami** jikkjarifika li l-kawża tirrigwarda l-pensjoni tat-teżor u rigward il-ftehim li jsemmi jgħid li skontu l-liġi kienet ittih dritt għall-din il-pensjoni. Jgħid li kien preżenti għall-laqgħa fejn sar il-vot u li l-ħsieb wara l-vot ma kienx biex ma jibqgħux ikkunsidrati bħala ħaddiema tal-Gvern u li l-paga dejjem irċevewa mill-Bank Ċentrali. Jgħid li fil-laqgħa tal-vot ma saritx spjega tal-għażliet. Jgħid li bl-għażliet l-oħra l-paga kienet tonqoslu terz (a' fol 289 sa fol 296);

viii. **Ir-rikorrent Alfred Pirotta** permezz tal-affidavit xehed li daħal jaħdem mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili fis-sena 1954 sal-1997 liema dipartiment kien ġestit mill-International Aeradio Ltd. Hu ħadem ta' messaġġier, *morse code wireless operator, high frequency radio telephony fil-control tower* u ħadem fil-*communication centre*. Jgħid li dejjem kien jitħallas mill-Gvern tal-ġurnata. Jgħid li meta beda jaħdem il-ftehim u l-liġi kienet li meta jasal għall-pensjoni din kellha tkun taż-żewġ terzi magħrufa bħala tat-teżor. Hu qatt ma rċieva pensjoni tat-teżor. Jgħid li qabel id-data tal-15 ta' Jannar 1979 u d-data tal-ħatra tiegħu tal-1 ta' April 1979 hu kien jagħmel l-istess xogħol. Jgħid li l-kawża hi waħda li tirrelata ma diskriminazzjoni għaliex jifhem li għalkemm l-eżekuttiv u leġiżlattiv għandhom kull dritt li jagħmlu regoli dwar il-pensjonijiet, il-mod

ta' kif ġie eskluż mill-pensjoni taż-żewġ terzi kien wieħed arbitrarju u mhux skont sistema pre-stabbilita, ekwa, determinabbli u ġusta. Jgħid li huwa minnu li l-Kapitolu 93 jiddetermina li wieħed kellu jkollu *appointment* qabel il-15 ta' Jannar 1979 sabiex ikollu pensjoni, madankollu dan ħoloq diskriminazzjoni dwar min kellu jiġi meqjus li kellu dan l-*appointment*. Jgħid li meta daħal jaħdem mal-gvern kulħadd kellu dritt għall-pensjoni taż-żewġ terzi u meta nbidlet is-sistema, d-dipartiment ġie eskluż u ma kienx hemm politika ċara dwar min kellu jirċievi l-pensjoni. Hu kien applika għall-iSkema dwar għotja ta' darba għal persuni li qabel daħlu uffiċjalment fis-servizz pubbliku wara s-16 ta' Jannar 1979 għamlu xi żmien jaħdmu f'dipartimenti tal-Gvern qabel l-1979 liema applikazzjoni kienet ġiet irrifjutata għaliex mat-tmiem tal-ingaġġ fil-korp tax-xogħol ma kienx impjegat uffiċjalment fis-servizz pubbliku. (a' fol 101 sa fol 103 inkluż dokumenti). Dan ġie kkonfermat permezz tal-affidavit mir-**rikorrent Carmelo sive Charlie Fenech** (a' fol 105 sa fol 108 inkluż dokumenti), permezz tal-affidavit **mir-rikorrent Anthony Sciberras** (a' fol 123 sa fol 129 inkluż dokumenti) u permezz tal-affidavit **mir-rikorrent John Holland** (a' fol 109 sa fol 118 inkluż dokumenti) li żied ukoll li s-sitwazzjoni tiegħu tinkwadra taħt l-artikolu 21 tal-Kapitolu 93 u li meta saret id-deċiżjoni tal-kabinett fl-1970 li tinbidel is-sistema tal-pensjonijiet kien hemm min baqa' intitolat u min le u li d-dipartiment tiegħu ġie eskluż. Esebixxa ittra indirizzata lilu u mibgħuta mill-*International Aeradio Limited* li kien qed jiġi mogħti avviż ta' tmiem tal-impjieg tiegħu u dan peress li kien ser jiġi tterminat il-kuntratt tal-istess kumpannija. Hu ppreżenta wkoll ittra indirizzata lilu mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, permezz ta' liema ġie nfurmat li ma nstabux ġustifikati tliet ilmenti minn ħamsa li hu għamel lill-Kummissjoni għall-Investigazzjoni tal-Inġustizzji inkluż dwar telf ta' dritt għall-*gratuity* u pensjoni mit-Teżor meta s-servizz li ta lill-Gvern bejn l-1973 u 1979 ma ġiex meqjus bħala mpjieg mal-Gvern;

ix. Ir-rikorrent **Carmelo Spiteri** kkonferma dak li xehdu r-rikorrenti l-oħra, u dan permezz tal-affidavit u għamel referenza wkoll għall-ittra datata t-30 ta' Mejju 2016 fejn kien ikkomunika mal-*Grievances Unit* iżda peress li kien hemm kawża pendenti, l-Unit ma għamlitx rakkomandazzjonijiet, l-ittra ma tindikax l-okkju tal-kawża (a' fol 119 sa fol 122 inkluż dokumenti).

x. **Alfred Camilleri,** bħala s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi (a' fol 136 sa fol 144 inkluż dokumenti) ġie mistoqsi domandi rigward skemi intiżi biex jindirizzaw anomaliji relatati ma pensjoni. Xehed li hemm għotjiet, *grants* u li *ex gratia payment* hu pagament mogħti mill-istat biex tingħalaq kwistjoni. Kien ingħata dan il-pagament lil ċertu ħaddiema tal-korpi li kienu jaħdmu ma dipartiment tal-gvern qabel l-1979. **Dan kollu hu relatat mal-pensjoni tat-teżor u mhux mal-pensjoni taż-żewġ terzi**. Li l-pensjoni tat-teżor kienet Occupational Pension Scheme fejn il-ħaddiema tal-Gvern fuq bażi permanenti kienu jikkontribwixxu għal skema li hija marbuta max-xogħol tagħhom u meta jirtiraw kienu jieħdu pensjoni addizzjonali ma' dik li hija tas-*social security* u din twaqqfet fl-1979 għar-raġunijiet ta' policy. Il-kwistjoni relatata mal-korpi nqalgħet

għaliex dawn kienu jservu f'dipartimenti tal-Gvern iżda ma ngħatawx l-opportunità jidħlu fl-iskema. Il-każ tal-Malta Electricity Board kien każ differenti u dan għaliex kien hemm wiegħda tal-Kabinett li qatt ma ġiet attwata. Fil-manifest elettorali tal-2013 u 2017 ġie mwiegħed li t-tip ta' anomaliji relatati mal-pensjonijiet, inġustizzji u *grievances* jiġu indirizzati. Il-Ministeru tal-Finanzi kien involut biex jinħadem il-*budget* u l-ministeri relevanti kienu responsabbli sabiex jipproċessaw l-applikazzjonijiet. Kien jeżisti bord tal-appell f'każ li l-applikazzjoni ma ġietx milqugħa. Jispjega li l-*grants* ma ngħatawx *in lieu* tal-pensjoni tat-teżor iżda ngħataw għax kien hemm ħafna persuni li ħassewhom aggravati. Ma kellu l-ebda informazzjoni rigward il-ħaddiema li kienu mpjegati mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili. Hu jagħmel referenza għall-kawża kostituzzjonali mressqa f'Ottubru 1994 minn 18 -il ex impjegat tal-Air Radio Limited fuq kwistjoni ta' diskriminazzjoni[3].

Minn email preżentata mix-xhud jidher li l-ħaddiema tal-International Aeradio Ltd, inkluż ir-rikorrenti, kienu ngħataw tliet għażliet wara li ġie tterminat il-kuntratt lil kumpannija:

1. *Employees to retain the same terms and conditions enjoyed with IAL Ltd, with any Government cost-of-living improvements, for so long as use continued to be made of facilities in Malta by the British authorities, after which the Malta Government would have no responsability for the employees.*

2. *Employees to become Government employees on the pensionable establishment, where applicable at pay levels and conditions of service applicable to comparable posts in the Malta Government service. They would be freely transferable to other departments and would be trained to perform other jobs in anticipation of the discontinuation of the Malta Flight Information Region.*

3. *Employees to set up and run a commercial company with the scope of providing the same services which IAL was providing the Government.*

   Il-ħaddiema għażlu l-ewwel għażla u dan b'vot ta' 135 minn 137 waqt elezzjoni nhar l-14 ta' April 1973.

xi. **Mark Musu, bħala rappreżentant tal-Ministeru tal-Familja,** li kien hemm 252 ex impjegat tal-Malta Electricity Board li kienu eliġibbli għall-pensjoni u ċċekja dan mid-database tad-dipartiment skont kemm ħarġu pensjonijiet u li dan ngħataw appointment kollha xi żmien qabel il-15 ta' Jannar 1979. Jikkjarifika li l-Malta Electricity Board spiċċa fl-1977 u li ma setax ikun hemm appointment wara Jannar tal-1979. Jikkjarifika wkoll li

[3]**Charles Fenech et vs Onorevoli Prim Ministru et** deċiża nhar l-14 ta' Ottubru 2004 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (mhux appellata).

l-Kapitolu 93 japplika biss għall-uffiċjali pubbliċi u fil-każ tal-Malta Electricity Board, ma kienx japplika għall-persuni li daħħlu jaħdmu direttament mal-Enemalta. Wieġeb li hu ma rax l-appointment ta' 252 ruħ iżda sab li dawn jieħdu pensjoni u li ġie mogħti din l-informazzjoni u li hu bħala segretarju permanenti ma huwa l-kap tal-ebda dipartiment u li l-pensjonijiet tat-teżor għaddew taħt id-dipatiment tas-Sigurtà Soċjali fl-2015 jew fl-2016. Jiċċara li l-ħaddiema tal-Malta Electricity Board kienu kollha uffiċjali pubbliċi u peress li ma kienx jeżisti l-kunċett ta' detailing kellhom jirriżenjaw biex jiddaħlu fil-Malta Electricity Board u kien għalhekk li l-kwistjoni spiċċat quddiem il-Kabinett u ttieħdet deċiżjoni li tkun kreata skema ta' pensjoni li tkun simili għal dik tal-Gvern sabiex il-ħaddiema ma jitilfux id-drittijiet li kellhom u kien biss wara li nfetħet kawża fl-2017 li d-deċiżjoni ġiet implimentata, għalkemm it-talbiet kienu preskritti. Jgħid li l-Kapitolu 93 japplika biss għall-uffiċċjali pubbliċi li jaħdmu mal-Gvern u mhux ma xi entità pubblika. Ma setax jikkonferma jekk kienx hemm persuni li ngħataw il-pensjoni tat-teżor iżda ġew appuntati wara l-15 ta' Jannar 1979 (a' fol 150 sa fol 159 inkluż dokument rigward ex *gratia payment* lil eks ħaddiema tal-Malta Electricity Board).

xii. F'xhieda oħra (a' fol 161 sa fol 246 inkluż dokumenti) Mark Musu xehed li kienu ħarġu diversi skemi bil-għan li jiġu ndirizzati anomaliji diversi. Xehed li kien hemm każijiet fejn kienu ser jiġu żarmati l-korpi fl-1978 u kienu ħarġu l-applikazzjonijiet għad-dħul f'ċertu gradi industrijali mal-Gvern iżda fil-frattemp għadda l-*cut-off date* tal-15 ta' Jannar 1979 u b'hekk dawn il-persuni tilfu d-dritt għall-kariga pensjonabbli fis-servizz. Kien hemm każijiet oħra ta' eks pulizija u eks ħaddiema tax-xatt u saru talbiet minn naħa tagħhom u l-Gvern għamel deċiżjoni politika u ndirizza dik il-kwistjoni.

Ġew preżentati dokumenti relatati ma diversi skemi:

- 2019-2021
  *A Once-only Grant persons employed by corporations or entities in the public sector on their discharge from one of the labour corps established before 1979 or were employed in the Gas Board until its dissolution and afterwards employed by the EneMalta Corporation or were apprentices in the Malta Electricity Board until its dissolution an afterwards were employed by EneMalta.*

- 2021:

a) *A Once-only Grant for persons who before officially joining the Public Service after 16th January 1979 had served in Government Departments but not as Public Officers.*

b) *A Once-only Grant for persons who were formerly licensed Port Workers between 4th April 1973 until 1st June 2007 and who were not so Licensed after such period.*

- 2020:

a) *A Once-only Grant for persons who before officially joining the Public Service after 16th January 1979 had served in Government Departments but not as Public Officers.*

b) *A Once-only Grant for persons who were formerly licensed Port Workers between 4th April 1973 until 1st June 2007 and who were not so Licensed after such period.*

c) *A Once-only Grant for Police Officers who performed 'Overtime' between 15 September 1993 and 31st December 2009*.

- 2019

a) *A Once-only Grant for persons who before officiallv joining the Public Service after 168 January 1979 had served in Government Departments but not as Public Officers.*

b) *A Once-only Grant for persons who were formerly licensed Port Workers between 4th April 1973 until 1st June 2007 and who were not so Licensed after such period.*

c) *A Once-only Grant for Police Officers who performed 'Overtime' between Ist September 1993 and 31st December 2009.*

- 2018

a) *A Once-only Grant for persons who before officially joining the Public Service after 16th January 1979 had served in Government Departments but not as Public Officers.*

b) *A Once-only Grant for persons who were formerly licensed Port Workers between 4th April 1973 until Ist June 2007 and who were not so Licensed after such period.*

c) *A Once-Only Grant for Police Officers who performed 'Overtime' between 1 September 1993 and 31st December 2009*.

- 2017

a) *A Once-only Grant for persons who before officiallv joining the Public Service after 168 January 1979 has served in Government Departments but not as Public Officers.*

b) *A Once-only Grant for persons who were formerlv licensed Port Workers between 4th April 1973 until 1st June 2007 and who were not so Licensed after such period.*

c) *A Once-only Grant for Police Officers who performed 'Overtime' between 1st September 1993 and 31st December 2009.*

xiii. F’xhieda ulterjuri (a’ fol 256 sa fol 287 inkluż dokumenti) Mark Musu kjarifika li fir-rigward tax-xhieda preċedenti tiegħu, fejn hu jsemmi il-252 ħaddiem tal-Malta Electricity Board jgħid li dawn ma kinux dawk

li kienu fis-servizz pubbliku iżda li kienu ħaddiema li daħlu fil-Malta Electricity Board u ġiet kreata skeda biex il-ħaddiema ġewwa l-Board jiġu trattati l-istess bħall-ħaddiema oħra li kienu ħaddiema mas-servizz pubbliku. L-applikazzjoni GP61 kienet imtliet għall-252 impjegat u dan peress li ngħataw id-dritt tal-pensjoni fl-2017."

**Konsiderazzjonijiet**

11. L-ewwelnett issir referenza għall-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti:

*"Punti ta' Liġi*

*6. Minħabba l-fatti kif esposti fir-rikors promotur u l-fatti kif jemerġu mill-provi, ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw li ġew vjolati fil-konfront tagħhom l-artikoli 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, l-artikolu 14 u l-artikolu 1 tat-tnax il-protokoll.*

*7. Ir-rikorrenti qegħdin bħal donnhom jilmentaw mill-fatt li ma ngħatawx penzjoni tas-servizz abbażi ta' dak li jiddisponi l-artikolu 21 tal-Kap 93 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk fil-parti sostanziva tiegħu u li tinteressa dawn il-proċeduri:*

> *"Id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza għandhom japplikaw għall-uffiċjali kollha maħturin għas-servizz pubbliku ta' Malta wara l-bidu fis-seħħ ta' din l-Ordinanza iżda qabel il-15 ta'Jannar, 1979, u ebda pensjoni, gratifikazzjoni jew allowance ma għandha titħallas skont din l-Ordinanza, u ebda ħlas ieħor ma għandu jsir skont l-istess Ordinanza, lil xi persuna li ma kenitx uffiċjal qabel l-imsemmija data, jew lill-armla, iben jew qraba oħra ta' xi persuna bħal dik".*

*8. Il-Qorti użat il-frażi bħal donnhom għar-raġunijiet li ser ikunu spjegati aktar 'l isfel.*

*Il-Preliminari*

*9. Biex din il-Qorti ma tiddelungax iżżejjed fuq punti tal-liġi li huma ċari, l-ewwel li ser tagħmel hu li tqies l-ilmenti tar-rikorrenti b'referenza għall-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tat-12 il-Protokoll.*

*<u>L-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni</u>*

*10. Fir-rigward ta' dan l-artikolu biex ikun jista' jingħad li seħħ ksur ta' jedd fundamentali dwar il-ħarsien mid-diskriminazzjoni taħt il-Kostituzzjoni, jrid jintwera li l-liġi partikolari jew it-tħaddim tagħha jew l-*

*għemil ilmentat ikun jaqa' taħt xi waħda mill-irjus ta' diskriminazzjoni li għalihom jirreferi l-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni . Fi ftit klierm il-jedd fundamentali jrid tassattivament jaqa' taħt xi waħda mir-raġunijiet imsemmija f'dak is-subartikolu.*

*11. Issa minn eżami tal-ilmenti tar-rikorrenti f'din il-proċedura l-ebda waħda mill-kawżali msemmija fl-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni ma ssejjes l-ilment imressaq mir-rikorrent (P.A. (Kost) VDG 15.2.2002 fil-kawża fl-ismijiet Michael A Henley vs Il-Prim Ministru et).*

*12. Biex tassew dan ikun rilevat b'mod ċar, paragun tal-artikolu tagħna ma' dak taħt il-konvenzjoni, ikompli joħroġ ir-riljev ta' dak appena nnotat minn din il-Qorti. Jingħad mill-ewwel li s-sitwazzjoni fil-każ tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni hija differenti minn dik li tipprevali taħt l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni l-kawżali ta' diskriminazzjoni ma hiex eżawrenti u huma miftuħa aktar. L-Awturi josservaw fid-dawl tad-deċiżjonijiet tal-ECHR li "Article 14 contains a long, and apparently non-exhaustive, list of characteristics which might render differential treatment discriminatory, so the 'badge' on the basis of which the differential treatment is made is not usually a problem" (Ara Harris, O'Boyle and Warbrick, Law of the European Convention Of Human Rights, 4th Ed, pg 771). F'allegazzjoni ta' ksur ta' dak il-jedd fundamentali trid tassattivament taqa' taħt waħda mir-raġunijiet imsemmija f'dak is-subartikolu. Fil-każ li għandna quddiemna, l-ebda waħda mill-kawżali msemmija fl-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni ma ssejjes l-ilment imressaq mir-rikorrent (P.A. (Kost) VDG 15.2.2002 fil-kawża fl-ismijiet Michael A Henley vs Il-Prim Ministru et).*

*13. Sfortunatament dan ma jistax jingħad għall-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. L-anqas ma din il-Qorti tista' minn jhedda żżid mal-kawżali l-liġi biex tagħmel ġustizzja, għax dan ma hux akkonsentit li jsir kontra l-kelma ċara tal-liġi. Sfortunatament il-prinċipji ta' ġustizzja u liġi posittiva ma jiltaqgħux dejjem u in omaġġ lejn il-prinċipju tas-saltna tal-liġi, il-Qorti jkollha toqgħod mal-kelma leġifrata.*

*14. Għalhekk sa fejn jirrigwarda l-ilment taħt dan l-artikolu tal-Kostituzzjoni ser ikun miċħud. Art 1 tal-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni*

*15. Anke hawn, il-Qorti għandha idejha marbutin. Artikolu 2 li jipprovdi għall-interpretazzjoni tal-Kap 319 tal-liġijiet ta' Malta li traspona l-Konvenzjoni għal-liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk: "Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali" tfisser dawk id-drittijiet u libertajiet elenkati fl-artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni u l-artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll, l-artikoli 1 sa 4 (inklużi) tar-Raba' Protokoll, l-artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll u l-artikoli 1 sa 5 (inklużi) tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni, liema artikoli qegħdin jinġiebu fl-Ewwel Skeda; "Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru, 1950 u l-Ewwel, it-Tieni, t-Tielet, ir-Raba', l-Ħames, is-Sitt u s-Seba' Protokolli li hemm magħha ffirmati f'Pariġi fl-20 ta' Marzu 1952,*

*u fi Strasbourg fis-6 ta' Mejju 1963, 6 ta' Mejju 1963, 16 ta' Settembru 1963, 20 ta' Jannar 1966, 18 ta' April 1983 u 22 ta' Novembru 1984, rispettivament."*

*16. Minn eżami ta' dawn id-definizzjonijiet jirrisulta b'mod mill-aktar ċar li l-Protokoll 12 ma hiex parti mil-liġi tagħna. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tapplika din il-protokoll meta sal-lum f'għajnejn l-Istat Malti din il-liġi ma hiex parti mir-reġim ta' liġijiet tagħna. Għalhekk anke l-ilment tar-rikorrenti f'dan ir-rigward ser ikun miċħud.*

<u>L-artikolu 1 tal-Protokoll numru wieħed tal-Konvenzjoni.</u>

*17. Bħala fatt din il-Qorti temmen, li kull pretensjoni għal xi penzjoni, kemm jekk tkun kontributorja u kemm jekk ma hiex, sakemm hemm dritt għaliha u b'dana kollu tibqa' ma tingħatax, din hija titulabbli u tattira l-protezzjoni taħt dan l-artikolu konvenzjonali. Dan qiegħed jingħad, dejjem jekk għal raġunijiet li ma humiex ġustifikati tiġi imċaħħda lil dak li jkun.*

*18. Di fatti intqal li "in a number of later cases the Court has consistently held that even a welfare benefit in a non-contributory scheme could constitute a possession for the purposes of Article 1 of Protocol No. 1 (Bucheň v. the Czech Republic, § 46; Koua Poirrez v. France, § 37; Wessels-Bergervoet v. the Netherlands (dec.); Van den Bouwhuijsen and Schuring v. the Netherlands (dec.)). Din il-Qorti taqbel pjenament ma' din il-posizzjoni. Imma jibqa' ukoll il-fatt li l-għotja ta' xi penzjoni jew servizz soċjali ma hux xi dritt li jrid jingħata bil-fors lill-individwu, għaliex dan jiddependi dejjem mill-politika u idejoloġiji ta' governanza li jħaddan Gvern partikulari (Ara Sukhanov u Ilchenko v. Ukraine, § 36; Kolesnyk -vs- Ukraine (dec.), §§ 89 and 91; Fakas -vs- Ukraine (dec.), §§ 34, 37-43, 48; u Fedulov -vs- Russia, § 66). Pero' jekk l-Istat ikun provda għal xi beneċċju soċjali, inkluża għalhekk penzjoni, dak id-dritt jiġġenera interess patrimonjali u għalhekk jaqa' taħt il-protezzjoni tal-artikolu 1 tal-Protokoll numru wieħed (Ara Stec u oħrajn vs the United Kingdom (dec.) [GC], § 54). Għalhekk fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li din il-Qorti għandha tqies l-ilmenti tar-rikorrenti.*

*19. Dak li qed jitolbu r-rikorrenti jistħoqqlu jkun imħares jekk il-Qorti ssib, li tassew kellhom dritt fis-sens li trid il-Konvenzjoni u li ġew imċaħħda minn dan id-dritt b'mod diskriminatorju, peress li persuni oħrajn, f'posizzjoni analoga għal tagħhom, ġew mogħtija dan id-dritt meta huma ġew imċaħħda minnu.*

*20. L-ilment tar-rikorrenti huwa ċar. Qegħdin jitolbu l-penzjoni tas-servizz peress li jsostnu li li huma kienu jagħmlu parti mis-servizz pubbliku ai fini tal-artikolu 21 tal-Kap 93 tal-liġijiet ta' Malta. Pero' meta din il-Qorti fliet ir-rikors promotur u fatti oħra, daħlilha dubbju serju jekk ir-rikorrenti humiex jikkonfondu penzjoni ma' oħra jew jafux xi jridu bi preċiżjoni għax allura l-azzjoni tista titqies bħala malkonċepita.*

*21. Alfred Camilleri, ex-segretarju Permanenti fid-Dipartiment tal-Finanzi u li żokortu waqgħet f'dan ix-xogħol, għall-mistoqsija tal-Qorti jekk dawn il-grants li kienu ittieħdu minn terzi abbażi ta' PR200873 (skema ta' kumpens) kinux ekwivalenti għall-penzjoni tat-teżor, ir-risposta tiegħu hija nettament le (Mistoqsi mill-avukat tar-rikorrenti jekk kinux in lieu of, wieġeb No No. (a' fol 139 u a' fol 131).*

*22. Jispjega ukoll li hemm differenza kbira bejn il-penzjoni tat-teżor u dik magħrufa taż-żewġ terzi ossia kontributorja (a' fol 137 u tergo). Issa il-ħsieb ta' din il-Qorti dwar jekk ir-rikorrenti humiex jitkellmu dwar l-istess ħaġa jirriżulta anke mill-korrezzjoni tar-rikors promotur fil-ħames premessa tiegħu, fil-mori ta' dawn il-proċeduri. Fejn qabel kien hemm imniżżel li r-rikorrenti qatt ma rċevew il-penzjoni magħrufa bħala komunament tat-teżor ossia taż-żewġ terzi b'digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Novembru 2021 ġew kanċellati l-aħħar tkellmiet fuq talba tar-rikorrenti. Di fatti kif jirrisulta mill-verbal tas-16 ta' Novembru 2021 din il-korrezzjoni intalbet wara li xehed 'l fuq imsemmi Alfred Camilleri (a' fol 135).*
*23. Dan il-ħsieb nebuluż tar-rikorrenti jemerġi ukoll minn dak li jgħid fl-affidavit Philip Pirotta dwar meta ġie impjegat. Skontu il-ftehim u l-liġi kienet, li meta jasal għall-penzjoni, din kellha tkun penzjoni taż-żewġ terzi, magħrufa bħala penzjoni tat-teżor. Alfred Pirotta jgħid l-istess bħal Philip Pirotta (a' fol 101 para 6). Anthony Sciberras jgħid ukoll li "Ilum niehu penzjoni skond ligi differenti li hi anqas minn dik taz-zewg terzi…" (a' fol 124). Anke ir-rikorrent Carmelo Fenech jixhed "Il-kawza hi wahda imsejsa fuq id-diskriminazzjoni ghaliex nifhem li ghalkemm l-esekuttiv u l-legislattiv ghandhom kull dritt li jaghmlu regoli dwar il-pensjonijiet, pero' il-mod kif gejt eskluz mill-penzjoni taz-zewg terzi kien wiehed arbitrarju u mhux skond sistema prestabbilta', ekwa, determinabbli u gusta" (a' fol 105 ara ukoll xhieda ta' John Holland a' fol 109 para 6 u a' fol 110 para 10 ara ukoll xhieda ta' Anthony Sciberras a' fol 124 para 7). Issa meta din il-Qorti eżaminat id-dokumenti esebiti dwar ix-xorta ta' penzjoni, irrisulta li ma jidhirx li qegħdin jirċievu penzjoni anqas minn dik taż-żewġ terzi.*

*24. Għalhekk il-Qorti ma hiex konvinta jekk dak li fehmet hi hiex l-istess ħaġa li qed jifhmu ir-rikorrenti, għaliex jidher li kollha kemm huma mmalkonċipew is-sustanza tal-azzjoni peress li ma jidhirx li qed jagħmlu distinzjoni bejn il-penzjoni tas-servizz u dik kontributorja, li kjarament ma humiex l-istess ħaġa. B'dana kollu anke b'sens ta' ġustizzja, din il-Qorti xorta ser tqies l-ilment tagħhom in kwantu jirrigwarda l-penzjoni tas-servizz.*

*25. Dan jiddependi kollu fuq jekk ir-rikorrenti kinux ikkunsidrati bħala parti mis-servizz pubbliku skond il-liġi. Kif anke jirrisulta mis-sentenza ċitata, skond il-paragrafu 6.3.1.2. ta' l-Estacode "The provision of the Pensions Ordinance and the Pension Regulations annexed thereto apply to all officers appointed to the public service of Malta prior to the 15th January 1979 and no pension, gratuity or other allowance is payable under the Ordinance nor is any other payment to be made thereunder, to any*

*person who was not an officer before the date aforesaid, or to the widow, child or other relative of any-such person". Għalhekk jeħtieġ ikun stabbilit jekk fil-fatt ir-rikorrenti kinux tassew uffiċjali appuntati bħala uffiċjali fis-servizz pubbliku ta' Malta.*

*26. Kif diġa' rilevat Espedito Grech, Director Research and Personnel Systems with People and Standards li jieħu ħsieb ir-records tan-nies tal-Public service u salarji tagħhom jixhed li r-rikorrenti kienu parti mill-Public service (a' fol 65 tergo u dokumenti a' fol 67 sa 72). Pero' mid-dokumenti esebiti dawn kollha juru li dan l-appointment sar fl-1 ta' April 1979. Il-Qorti tifhem li dan seħħ propju 'l għada li l-Ingliżi telqu minn Malta b'mod effettiv. Fil-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Ottubru 1978 ħarġet sejħa biex jimtlew vakanzi għall-impjegati bl-uniformi pajżana li diġa' qegħdin jagħmlu xogħol fl-ajrudrom ta' Ħal-Luqa. (a' fol 28 ).*

*27. Fl-14 ta' April 1973, 135 minn 137 li kienu jaħdmu mar-rikorrenti għażlu "to retain the same terms and conditions enjoyed with Aeradio Ltd, with any government cost-of-living improvements, for so long as use continued to be made in Malta by the British authorities, after which the Malta Government would have no responsibility for the emplyess." (a' fol 143 u tergo). Ergo s-Sentenza ta' l-Imħallef Tonio Mallia li skont kif rapportata ddikjarat, li persuni li kienu għamlu kawża bħar-rikorrent lill-Gvern ġew dikjarati li bejn 1973 u 1979 ma kinux meqjusa impjegati maċ-Civil (a' fol 143 tergo u ara ukoll Sentenza ta' l-14 ta' Ottubru, 2004 fl-ismijiet Charles Fenech, Michael Briscoe, Godwin Cachia, Joseph Grech, Joe Mallia Milanes, Keith Poulton, Cecil M. Blake, Victor Gauci, Ralph Spiteri, Joe Agius, Frank Farrugia, Vincent Carabott, John Schembri, Horace Cachia, Charles Houlton, Alfred Tabone, Denis Attard u Anthony Cardona -vs- Onorevoli Prim' Ministru u id-Direttur tal-Avjazzjoni Ċivili, Prim Awla Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali).*

*28. Għalhekk il-Qorti tifhem ukoll il-għala Grazio Barbara, Uffiċjal għoli tad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali, jixhed li ma saritx applikazzjoni għall-pensjoni tas-servizz fuq il-formula magħrufa bħala GP61. Fuq din il-formula jkun hemm il-firma tal-Kap tad-Dipartiment u tal-individwu (a' fol 73 tergo u 74). Ma jistax jgħid, jekk kinux intitolati għaliha għaliex dik id-Dipartiment ikun jaf minn fejn spiċċaw (a' fol 74). Pero' fuq mistoqsija tal-Qorti għaliex ma humiex intitolati għall-pensjoni tas-Servizz dan iwieġeb għaliex ma kellhomx l-appointment tagħhom fil-15 ta' Jannar 1979 (Ara dok a' fol 93 f'dan ir-rigward). Fil-fatt din kienet ukoll ir-risposta li rċevew dawk minn mir-rikorrenti applika għall-iskema ta' darba għall-persuni li daħlu fis-servizz pubbliku wara s-16 ta' Jannar 1979 u li għamlu żmien jaħdmu f'dipartiment tal-Gvern qabel l-1979 (Ara a' fol 79). Din il-kwistjoni ġiet mgħarrbla minn diversi organi aġġudikatriċi u kważi aġġudikatriċi u dejjem waslu għall-istess konklużjoni, li qabel 1979 ħadd mir-rikorrenti ma kien uffiċjal pubbliku.*

*29. Imma anke kieku din il-Qorti kellha tidħol fuq l-aspett ta' diskriminazzjoni, xorta waħda ser issib diffikulta' biex tasal għall-konklużjoni favorevoli għar-rikorrenti. Ir-rikorrent Philip Pirotta jixhed li*

*jgħid "Irrid insemmi kaz ricenti tal-Malta Electricity u Board illum EneMalta. Dawn il-haddiema inghataw penzjoni tat-tezor wara battalja ta' hafna snin, proset ghal daqstant nippretendi l-istess trattament maghna biex ma jkun hemm diskriminazzjoni" (a' fol 97).*

*30. Ir-rikorrenti jagħmlu emfażi partikulari dwar dak li huma jsostnu penzjoni tat-teżor li ingħataw lill-ħaddiema tal-Electricity Board u dan skont PR200873(a' fol 131). Alfred Camilleri jispjega li dik tirrigwarda għotjiet u grants u cioe' ex-gratia payments (a' fol 136 tergo). Dan ix-xhud kif diġa' rilevat, jagħmel distinzjoni bejn grant u one time payment u penzjoni tas-servizz. Dawn ix-xorta ta' skemi huma maħsuba li jitterminaw xi tilwima bejn il-Gvern u xi sezzjoni industrijali li tkun ilha tkarkar is-snin. Il-ħsieb ta' dawn l-iskemi hu, li tinqatel darba għal dejjem, lite li tkun ilha snin tiffermenta, bil-kundizzjoni dejjem li min jirċievi dawn il-pagamenti jċedi kull kawża li jkun għamel u jiddikjara li jaċċetta li każ huwa magħluq. Di piu' dawn l-iskemi kienu miftuħin għal dawk li kienu fis-servizz pubbliku u l-posizzjoni fir-rigward tal-ħaddiema tal-Electricity Board kienet ġejja minn deċiżjoni tal-kabinett tal-1970 li pero' qatt ma ġiet implimentata (ara xhieda ta' Alfred Camilleri a' fol 138).*

*31. Issa fil-kuntest ta' diskriminazzjoni hu risaput illi dak li jrid jiġi ppruvat huwa illi l-allegat trattament kien differenti minn dak li ngħata lil persuni oħra li kienu ta' l-istess deskrizzjoni tagħhom. Dan timporta żewġ elementi, u cioe', li l-lanjant ma ġiex ittrattat b'ċertu mod waqt li ħaddieħor fl-istess ċirkostanzi (in pari conditione) ġia jew kien ġie ttrattat b'ċertu mod waqt li ħaddieħor fl-istess ċirkustanza ma ġiex. Din il-posizzjoni hija l-istess waħda li tieħu l-ECHR meta osservat li biex l-Istat jiġġustifika trattament differenti irid jipprova li ma tesistix sitwazzjoni analoga iġifieri 'persons in relevantly similar situations' (Ara Zarb Adami -vs- Malta 2006-VIII; 44 EHCR 49, para 71 u Tlimmenos -vs- Greċja tal-2000 supra). Fi ftit kliem the "the right not to be discriminated against the enjoyments of the rights guaranteed under the Convention is also violated when States without an objective and reasonable justification fail to treat differently persons whose situations are significantly different" (Ara ukoll Chapman -vs- UK 2001).*

*32. Fi kliem ieħor irid isir paragun bejn l-iżvantaġġjat u l-ivvantaġġjat fuq terren ta' ċirkustanzi pari (ara Galea noe -vs- Kummissarju tal-Pulizija, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Jannar, 1990). Il-kriterji biex tirnexxi azzjoni bażata fuq diskriminazzjoni kienu ġew ukoll diskussi fid-dettal mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet Edward Vassallo et -vs- Kummissarju tal-Pulizija, deċiża fis-16 ta' Awissu, 1976, fejn dik il-Qorti esprimiet ruħha fit-termini segwenti: "Il-principju tan-non-diskriminazzjoni hu ovvjament wiehed mill-pilastri tas-sistema kollu tal-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali u jillumeggja dak l-aspett tar-rule of law li jipproklama l-ugwaljanza tac-cittadini kollha quddiem il-ligi. Kif esprima ruhu Gerhard Muller, President tal-Qorti Kostituzzjonali Federali tar-Repubblika Federali tal-Germanja: 'It is through this very principle of equality which prohibits any arbitrary procedure and is closely related to*

*the principle of justice itself, that the whole system of fundamental rights is given its finishing tough…'."*

*33. Qabel xejn, pero', għandu jiġi nnotat li mhux kull differenzazzjoni jew diżugwaljanza ta' trattament hi per se diskriminazzjoni projbita mill-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni. Din il-projbizzjoni, fiha nfisha tant hi ovvja u indubitabbli, li ġiet fil-fatt ikkunsidrata mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-dawl tad-differenza testwali fl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet tal-Bniedem fejn fit-test Franċiż hemm użati l-kliem "sans distinction ancune" u fit-test Ingliż "without discrimination" u ntqal hekk: "In spite of the very general wording of the French version … Article 14 does not forbid every difference in treatment in the exercise of the rights and freedoms recognised … This version must be read in the light of the more restrictive text of the English version … In addition, and in particular, one would reach absurd results were one to give Article 14 an interpretation as wide as that which the French version seems to imply. One would, in effect, be led to judge as contrary to the Convention every one of the many legal and administrative provisions which do not secure to everyone complete equality of treatment in the enjoyment of the rights and freedom recognised. The competent national authorities are frequently confronted with situations and problems which on account of differences inherent therein, call for different legal solutions, moreover certain legal inequalities lend only to correct factual inequalities. The extensive interpretation mentioned above cannot consequently be accepted…".*

*34. Dan hu konformi ma' l-interpretazzjoni ta' diskriminazzjoni mogħtija anke mill-Qrati tagħna li ċioe' l-kunċett ta' l-ugwaljanza ta' trattament ma jistax jiġi intiż fis-sens assolut jew aritmetiku distakkat miċ-ċirkostanzi u kondizzjonijiet inerenti fis-sitwazzjoni li tkun qiegħda tiġi eżaminata. Differenzjazzjoni pero' biex tkun leġittima trid tirpoża fuq bażi objettiva u raġonevoli, tenut kont ta' l-għan u l-effetti tal-miżuri in eżami, u jrid ikun hemm rapport raġonevoli ta' proporzjonalita' bejn il-mezzi impjegati u l-iskop viżwalizzat.*

*35. Dan l-insenjament jidher li ġie segwit f'diversi Sentenzi fosthom Il-Pulizija -vs- Muscat, deċiża minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Lulju, 1989, Borg noe -vs- Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura et deċiża wkoll minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fit-2 ta' Mejju, 1984, Cocopardo -vs Ministru tax-Xogħolijiet et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Frar, 1987, Debono Grech -vs- Mizzi et noe , deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar, 1999, u fl-aħħar Agrimalt Ltd -vs- Awtorita' tal-Ippjanar deċiża wkoll mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Jannar, 2004.*

*36. Issa meta din il-Qorti eżaminat il-provi imressqa, ma setgħet qatt tasal għall-konklużjoni li kien hemm xi xorta ta' diskriminazzjoni fis-sens kif jgħidu s-sentenzi. Fl-ewwel lok din il-Qorti ma rriskontratx li ngħatat xi penzjoni tas-servizz lil ħadd ieħor kif jifhmu biha ir-rikorrenti u anke fil-liġi. Fit-tieni lok, tajjeb jew ħażin, ir-rikorrenti ma jikkwalifikawx għal impjegati fis-settur pubbliku qabel l-1979 u anke li kieku, il-prova li riedet*

> *issir kellha tkun li dawk li ġew trattati differenti minnhom, kienu bħalhom fl-istess impieg u kundizzjonijiet. Għalhekk bejnhom u bejn ħadd ieħor ma kienx hemm ċirkostanzi analogi bil-mod kif interpretati kemm mill-Qrati lokali u anke mill-ECHR.*
>
> *37. Il-Qorti pero' tistqarr, li jiddispjaċiha għar-rikorrenti, għax meta kienet tarahom fl-awla fl-eta' venerabbli tagħhom u li taw servizz lill-pajjiż fl-aktar żminijiet diffiċli ta' pajjiżna tħoss li jixraq li jinstab xi mezz biex dan kollu jiġi rikonoxxut. Kif u come, mhux xogħol din il-Qorti li tgħidu."*

12. **Din il-Qorti ser tibda biex tikkonsidra r-rikors imressaq mir-rikorrenti nhar il-11 ta' Marzu 2024.** Ir-rikorrenti jilmentaw li l-aġir tal-Ewwel Qorti deskritt fl-ewwel aggravju jikkostitwixxi vjolazzjoni tar-rekwiżiti proċedurali tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-istat mhux biss responsabbli għall-kondotta tal-organu ġudizzjarju imma hu responsabbli wkoll għall-funzjonarji u awtoritajiet kollha. Huwa f'dan is-sens li l-kondotta tal-Ewwel Qorti hi vjolattiva u dan għaliex minħabba n-nuqqas tal-applikazzjoni tal-Artikolu 156, 158 u173 tal-Kapitolu 12 m'għamlet ebda sforz li tistrada l-kawża, ma talbitx kjarifika meħtieġa mill-partijiet, iddikjarat ruħha neboluża dwar l-oġġett tal-kawża fis-sentenza tagħha. Jilmentaw li d-difiża formali prodotta mill-intimati kienet intiża biex tevita u tostakola kull forma ta' ingaġġament legali u fattwali relattiv għall-oġġett tal-kawża u l-informazzjoni inkompleta supplita taħt ġurament minn entitajiet u funzjonarji tal-Istat, inkluż jilmentaw is-Segretarju Permanenti responsabbli mill-pensjonijiet.

13. Jargumentaw li teżisti obbligazzjoni inkombenti fuq l-awtoritajiet u l-funzjonarji tal-Istat ta' *disclosure* ta' evidenza mhux biss taħt il-liġi

proċedurali nostrana imma wkoll taħt l-ambitu tar-rekwiżit proċedurali tal-amministrazzjoni ta' evidenza taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Huma jattribwixxu t-talbiet tar-rikors promotur għall-fatt li ġew miċħuda mill-pensjoni skont il-Kapitolu 93 minħabba li kien qed jiġi applikat *status* u ċjoè d-*date of appointment* stabbilita fl-Artikolu 21 tal-Kapitolu 93. Jagħmlu referenza għall-kawża tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, **Molla Sali vs Greece**, u li kien jinkombi fuq l-istat li jipprovdi informazzjoni ċara li ma kienx il-każ li sar aġir diskriminatorju u li tingħata stampa ċara ta' kif kien qed jiġi mħaddan dan l-i*status*, u kif ġew mogħtija *grants* u *settlements*, ħaġa li ma saritx.

14. Jisħqu li kieku saret din il-prova, il-Ewwel Qorti kienet tkun f'sitwazzjoni li tanalizza jekk fil-konfront tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll id-*date of appointment* kinitx ġustifikata fl-għan u jekk kinitx proporzjonali, fil-konfront tal-Artikolu 14, minn kienu l-*comparator groups*, u jekk id-differenzi fit-trattament bejn l-appellanti u tali *comparator groups* kienu oġġettivament u raġonevolment ġustifikati. Jargumentaw li din il-Qorti Kostituzzjonali hi marbuta bil-prinċipju tas-sussidjarjetà tal-Konvenzjoni u mhux ristretta fit-tip ta' ordnijiet li tista' tagħti sabiex jiġu rimedjati kwalunkwe lanjanzi proċedurali taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, kommessi quddiem l-Ewwel Qorti u evidenzjati fis-sentenza ta' quddiem l-Ewwel Qorti, inkluż ordnijiet sabiex tiġi prodotta kull informazzjoni

relattiva mill-Istat li tippermetti l-eżekuzzjoni tal-eżerċizzju ġudizzjarju neċessarju.

15. **L-Avukat tal-Istat u l-Onorevoli Prim Ministru** wieġbu li dak li jidher li qed jilmentaw minnu r-rikorrenti huwa li bl-eżitu tas-sentenza tal-Ewwel Qorti u l-kondotta proċedurali tal-Ewwel Qorti ma applikatx il-liġi proċedurali, Artikolu 156, 158 u 173 tal-Kapitolu 12 u dan għaliex l-Ewwel Qorti ma għamlitx sforz biex tistrada l-kawża, ma talbitx kjarifika u ddikjarat li l-kawża kienet neboluża dwar l-oġġett tal-kawża. Aktar minn hekk, li l-aġir tal-Istat f'dawn il-proċeduri kien wieħed fejn ittanta jevita u jostakola kull forma ta' ingaġġament legali u fattwali. L-intimati joġġezzjonaw għal dawn l-allegazzjonijiet inveritieri.

16. Rigward il-kondotta proċedurali tal-Ewwel Qorti jisħqu li r-rikorrenti qed jikkonfondu żewġ proċeduri distinti minn xulxin, jiġifieri l-proċedimenti b'rikors ġuramentat ai termini tal-Artikoli 154 *et sequens* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-proċedura *ai termini* tar-Regolamenti numri 2 *et sequitur* tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (L.S.12.09) u l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Il-proċedura quddiem l-Ewwel Qorti ma kinitx dik tar-rikors ġuramentat u għalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex timxi mal-Artikolu 156 u 158 tal-Kapitolu 12. *In oltre* ma jifhmux xi pretendew ir-rikorrenti meta semmew l-Artikolu 173 tal-Kapitolu 12.

17. L-Ewwel Qorti sostniet f'paragrafu 20 tas-sentenza tagħha li meta fliet ir-rikors promotur u fatti oħra, daħlilha dubju serju jekk ir-rikorrenti kinux qed jikkonfondu pensjoni ma' oħra jew jekk kinux jafu xi jridu bi preċiżjoni, għaliex allura l-azzjoni titqies malkonċepita. Fuq kollox ir-rikorrenti jammettu li kien hemm żball fir-rikors promotur. Għan-nuqqasijiet tar-rikorrenti, ma għandhiex teħel l-Ewwel Qorti, u r-rikorrenti kellhom jistradaw il-kawża, mhux l-Ewwel Qorti, u l-Qorti mhux ser tiddetta hi x'għandu jiġi preżentat. *In oltre*, kienu l-intimati stess li ppruvaw jiċċaraw sitwazzjoni mċajpra ta' jekk ir-rikorrenti bdew jilmentaw minħabba li ma rċevewx il-pensjoni taż-żewġ terzi jew għaliex ma rċevewx il-pensjoni tat-teżor.

18. Id-dikjarazzjonijiet tal-Ewwel Qorti fis-sentenza mogħtija minnha, ma tledi l-ebda dritt fundamentali għaliex fuq kollox il-Qorti xorta baqgħet għaddejja għaliex minkejja l-iżball fir-rikors promotur, l-Ewwel Qorti xorta waħda rnexxielha tifhem l-oġġett tal-proċedura. Ir-rikorrenti ma kinux imxekkla la mill-Ewwel Qorti u anqas mill-intimati, fir-rigward tal-provi li riedu jġibu.

19. L-appell odjern huwa prova minnu nnifsu li r-rikorrenti għandhom iċ-ċans jirribattu bis-sħiħ dak li sostniet l-Ewwel Qorti mingħajr il-ħtieġa li jinbtu ilmenti ta' natura kostituzzjonali oħra u dan għaliex l-ilmenti tar-rikorrenti huma indirizzati fl-aggravji u semmai l-proċeduri għandhom

jitwasslu sat-tmien tagħhom qabel jiġu sollevati eċċezzjonijiet ta' nuqqas ta' smigħ xieraq. Wieħed jistaqsi xi jkun l-interess ġuridiku tar-rikorrenti jekk dan l-appell jinqata' favurihom. Id-dritt ta' smigħ xieraq għandu jiġi eżaminat fil-kuntest tat-totalità tal-proċess. Dan kien il-każ kemm f'ġurisprudenza lokali u internazzjonali tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

20. Finalment, l-intimati joġġezzjonaw għall-allegazzjonijiet gravużi magħmula mir-rikorrenti fil-konfront tagħhom. Ir-rikorrenti għandhom iġibu prova ta' dak li qiegħdin jgħidu u fuq kollox kellhom jindirizzaw il-kwistjonijiet fil-mument li ġraw. Mhux tort tal-intimati li ma kellhomx ċertu dokumentazzjoni f'idejhom u wieħed irid iżomm f'moħħu li għaddew ħamsin sena minn ċertu azzjonijiet li jilmentaw minnhom ir-rikorrenti. L-intimati ressqu kwalunkwe dokumentazzjoni li setgħet ġiet prodotta. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati tal-ġustizzja mhumiex qrati ta' ekwità u l-kunċett ta' ekwità jintuża fejn teżisti *lacuna* biss.

21. **<u>Din il-Qorti</u>** tibda biex tiċċara li mhuwiex il-kompitu tal-ġudikant li jgħid lil parti jew oħra kif tmexxi l-kawża tagħha. Il-ġudikant qiegħed hemm biex jiżen l-atti mressqa quddiemu biex eventwalment jasal jgħaddi ġudizzju u għalkemm hu mistenni li l-ġudikant jidderieġi s-seduti biex il-proċess ġudizzjarju jasal fi tmiemu bl-aktar b'mod effikaċi u effettiv, dan

ma jfissirx li l-ġudikant huwa mistenni jidderieġi lid-difensur tal-partijiet kif għandu jagħmel xogħlu jew jgħid lil parti jew oħra x'għandha tagħmel.

22. Din il-Qorti rat li f'dan il-każ ir-rikorrenti ressqu kawża jilmentaw minn diskriminazzjoni mingħajr la kienu ċari, tal-anqas mill-ewwel, fuq ir-raguni li għaliha seħħet id-diskriminazzjoni u anqas fejn seħħet cjoè jekk hux għal pensjoni tat-Teżor jew taż-żewġ terżi. Kulma qalet l-Ewwel Qorti hu li l-azzjoni kienet malkonċepita minħabba r-ragunijiet imsemmija aktar 'il fuq u f'kull kaz l-Ewwel Qorti xorta waħda qieset l-ilmenti tar-rikorrenti.

23. Issa fir-rigward tat-talba mressqa fir-rikors, din il-Qorti rat id-diversi argumenti li għamlu r-rikorrenti anke fit-trattazzjoni tagħhom quddiem din il-Qorti, fejn jilmentaw li l-Istat, *tramite* r-rappreżentanti tiegħu, ma pprovdiex l-informazzjoni mitluba minnhom. Din il-Qorti fliet ix-xhieda u l-verbali, u tosserva li l-qofol tal-ilment tar-rikorrenti jdur l-aktar max-xhieda mogħtija minn Mark Musù, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Familja f'diversi seduti:

- 8 ta' Marzu 2022:

***<<..Dr Juliette Galea:*** *Naf liema hi imma hemm hafna, ghax ma mxejniex chronological allura. Issa jekk tistax, jikkonferma almenu li l-persuni kollha intitolati ghall-pensjoni tat-tezor skont number 5 jigifieri dawk li kienu jahdmu ma' dipartimenti u entitajiet ohra apparti, kellhomx appointment qabel 15 ta' Jannar 1979?*

***Xhud:*** *Jien ma nistax nikkonferma dak imma hemm l-ordinanza hija cara f'dan ir-rigward. Ma nistax nikkonferma le.*

***Qorti:*** *Daqshekk ma jistax jikkonferma.*

***Dr Juliette Galea:*** *Ghalfejn ma tistax tikkonferma?*

***Xhud:*** *<u>Ghax m'huwiex, mhix, dik l-informazzjoni li qed titlob mhix available lili.</u>*

***Dr Juliette Galea:*** *Inti x'dipartiment tihheddja?*

***Xhud:*** *Ippermettili. Jiena s-segretarju permanenti ma nihheddja l-ebda dipartiment. Tajjeb? Jigifieri hemm dipartiment illi huwa responsabbli ghall hdim ta' dawn il-pensjonijiet. Tajjeb li nispecifika wkoll illi r-responsabbilta` tal-pensjonijiet tat-tezor ghaddew taht id-dipartiment tas-sigurta` socjali fl-2015 jew '16,*

***Dr Juliette Galea:*** *Imma llum int responsabbli.*

***Xhud:*** *Iva, pero` jien ma nistax nghidlek jekk kien hemm nies qabel l-2014 u '15 illi setghu nghataw il-pensjoni tat-tezor u kellhom appointment date wara. Ghax ma kenitx fir-responsabbilta` tieghi.*

***Dr Juliette Galea:*** *Pero` r-responsabbilta` li twiegeb din id-domanda hija tieghek, sewwa, illum?*

***Xhud:*** *Mela jiena ma nistax nikkonferma.*

***Qorti:*** *Dik hi. Numru 7. Mexxi.*

***Dr Juliette Galea:*** *Mela, fejn ma kienx hemm appointment formali qabel il15 ta' Jannar 1979, kien hemm persuni li nghataw pensjoni tat-tezor?*

***Xhud:*** *Ma nistax nikkonferma...***>**

***Dr Juliette Galea:*** *Informazzjoni dwar il-motivazzjoni u policy, dwar l ghotja tal-grants, ta' kategoriji ta' persuni, li ma rcevewx il-pensjoni tat-tezor u kif dawn il-kategoriji ta' persuni gew maghzula? Ghandek informazzjoni?*

***Xhud:*** *Mela ehe, dik l-informazzjoni ovvjament hija illi kull sena jinhargu skemi, ghandek tnejn minnhom partikolari huma mmirati ghal ex haddiema tal korpi illi ghandek grupp illi wara li spiccaw minn mal-korpi wara Jannar 1979 gew assorbiti f'dipartimenti tal-gvern allura fis-servizz pubbliku. U ghandek grupp iehor illi wara gew assorbiti f'xi entita` pubblika.*

***Dr Juliette Galea:*** *Inti gejt mitlub tipproduci dokumenti, fuq dawn l-iskemi gibt dokumenti?*

***Xhud:*** *L-iskemi huma pubblikati fil-gazzetta tal-gvern kull sena. Dr Juliette Galea :*

***Xhud:** Jiena qed nitlob lilek. Inti gibthom Sur Musu`?*

***Xhud:** Le ma gibthomx.*

***Dr Juliette Galea:** Tista' tobbliga ruhek li ggibhom darb'ohra? Ma jistax ikun naghmel id-domandi u nitlob l-informazzjoni Sur Imhallef. Le t-tort mhux tieghu hawnhekk.*

***Qorti:** Sur Musu`, dad-dokumenti huma dominju pubbliku?*

***Xhud:** Ippermettili jekk joghogbok. Id-domanda kienet tghid, informazzjoni dwar il-motivazzjoni u policy dwar l-ghotja ta' grants lil kategoriji ta' persuni li ma rcevewx il-pensjoni tat-tezor u kif dawn il-kategoriji ta' persuni gew maghzula.*

***Dr Juliette Galea**: Ezatt.*

***Xhud:** M'ghandix miktub biex nipprovdi dokumentazzjoni hawnhekk skuzi. Heqq. Kieku ghidtli ngib il-kopji tal-iskemi kont ingibhom mieghi, m'ghandi l-ebda nteress li ma ngibhomx. Nixtieq nikkjarifika s-sitwazzjoni.*

- 2 ta' Ġunju 2022, Mark Musù preżenta dokumenti relatati ma' skemi relatati ma' *grants* u xehed is-segwenti:

*<< **Xhud:-** Mela, dawk huma kopji ta' l-iskemi kollha li nħarġu b'għotjiet ta' darba kull sena biex jiġu ndirizzati numru ta' anomaliji li kienu identifikati minn naħa tal-Gvern u ngħataw ħlasijiet.*

***Dr. Juliette Galea**:- Ok. Mela ejja nikkjarifikaw naqra, dawn kienu skemi jew kienu, għax skema tkun one off, fis-sens tkun grant ħafna drabi. Kienu grants? Għotjiet? Hux grant għotja?*

***Xhud:-** Iva.*

***Dr. Juliette Galea:-** Jew kienu li jtuhom il-pensjoni?*

***Xhud:-** Le, le mhux li jtuhom l-pensjoni, kienu skemi ta' one offs ovjament kull sena li toħroġ tkun one off.*

***Dr. Juliette Galea:**- Ok. Mela, li qed tagħti din l-informazzjoni li tajt tirrelata għal grants jew tirrelata għal xi ħaġa oħra?*

***Xhud:-** Għal grants.*

***Dr. Juliette Galea:**- Issa, d-darba l-oħra taf li kellna, tlabtek xi domandi fuq l MEB, Malta Electricity Board, illi mbagħad permezz ta' ittra li inti*

*preżentajt tal Permanent Secretary fejn qal li tiġi mplimentata d-deċiżjoni tal-kabinett, din l ittra hija datata, d-data ta' l-ittra, mela 7 ta' April 2017, sewwa? U qed nitkellmu dwar 252 impjegat li ngħata mhux grants imma l-pensjoni kollha.*

***Xhud:-** Hekk hu.*

***Dr. Juliette Galea:-** Issa, każijiet simili per eżempju ħa ntik eżempji, mela każijiet simili u ekwiparabbli fejn mhux ingħata grant iżda fejn ġie rifuż il pensjoni. Kien hemm oħrajn to your knowledge jew le?*

***Xhud:-** Ifhem simili għal ta' l-MEB, to my knowledge ma jidhirlix li kien hemm għax il-każ ta' l-MEB kien partikolari. Il-każ ta' l-MEB kien illli kellek dawn l-ex ħaddiema tal-Malta Electricity Board illi qabel twaqqaf il-Malta Electricity Board kienu mpjegati fis-Servizz Pubbliku, kienu diġa mpjegati tal-Gvern li allura minħabba, u dan li qed ngħidlek huwa fis-sittinijiet, u allura minħabba f'hekk diġa a priori la kienu ħaddiema tas-servizz pubbliku, eventwalment jekk jagħmlu snin ta' servizz li titlob l-ordinanza tal-pensjonijiet etċ, kien ħa jkollhom id-dritt eventwalment għall-pensjoni tas-servizz tat-teżor.*

***Dr. Juliette Galea:-** Sewwa. Ħa nwaqqfek ftit. Inti qed tgħid, illi dawn kienu fin 1960s, il-cut off date hija fin-1979. There is a huge gap.*

***Xhud:-** Iġifieri kull min kien impjegat qabel.*

***Dr. Juliette Galea:-** Dik imbagħad naraha jiena għax hemm gap ta' għoxrin sena. Imħallef:- Ħa nistaqsik xi ħaġa jiena biss, dawn ta' l-MEB li kienu parti mis Servizz Pubbliku, mbagħad qalbu mal-MAL Board għandi nifhem,*

***Xhud:-** Hekk hu.*

***Imħallef:-** Kif saret din it-tranżizzjoni, fis-sens ġarrew dak li kellhom magħhom? Kif kienet ikkunsidrata?*

***Xhud:-** Filfatt li ġara kien illi peress li dak iż-żmien, jidhirli li fl-aħħar seduta kont spjegajtha din, minħabba li dak iż-żmien ma kinitx tintuża l-proċedura tad-detail illi tintuża illum, iġifieri li jekk inti jkollokx public officer illi jidħol jaħdem ma' xi entita' pubblika, jżomm l-status tiegħu ta' public officer u jiġi jgħidulha llum detailed ma' dik l-entita' pubblika. Jiġifieri dik il-proċedura dak iż-żmien ma kinitx teżisti allura li kellu jiġri huwa li dawn in-nies kienu mġegħlin jirreżenjaw minn mas-Servizz Pubbliku biex jiġu mpjegati ma' l-MEB. At that stage irrealizzaw li b'dak il-mod, dawn in-nies kienu ħa jitilfu d-dritt li diġa kellhom għall-Pensjoni tat-Teżor, tas-Servizz. U tresqet proposta quddiem il-kabinett fl-1969 jew 70 ma niftakarx il-ġurnata, d-data eżatt, u l-kabinett ta' dak iż-żmien kien approva biex l-MEB twaqqaf skema ta' pensjoni simili għal li kellhom il-ħaddiema tal Gvern sabiex dawn il-ħaddiema li kienu ħa jeqilbu ma' l-MEB ma jitilfu xejn. Għal raġunijiet diversi, l-approvazzjoni tal-kabinett*

*qatt ma ġiet implimentata u eventwalment imbagħad ittieħdet deċiżjoni lura għall-2016, 17 illi l-Gvern issa jimplimenta din id-deċiżjoni billi tratta lil dawn il-ħaddiema ta' l-MEB bħala li kienu għadhom fis-servizz pubbliku u allura tagħhom id-dritt għall-pensjoni tas servizz.*

*...*

***Xhud:-** Mela, d-dokumenti tal-grants jirreferu għal numru ta' skemi differenti, waħda minnhom hija għall-ex membri tal-korpi li kien twaqqfu fis-snin sebgħin illi wara qalbu jaħdmu mas-servizz pubbliku.*

***Dr. Juliette Galea:-** Iġifieri ma kinux? Ma kinux dak iż-żmien? Xhud:- Ma kinux le. Ma kinux public officers.*

***Dr. Juliette Galea:-** Bħal klijenti tiegħi ma kinux?*

***Xhud:-** Le, ma kinux. To be fair il-klijenti tiegħek eżatt ma nafx l-status tagħhom. Mela, dawn kienu fil-korpi li twaqqfu fis-sebgħinijiet, kienu essenzjalment bħala korp taħt id-dixxiplina militari, fir-realta' kienu jagħtu s-servizz tagħhom f'dipartimenti u ministeri tal-Gvern fi rwoli differenti. Ġara illi meta kienu ħa jibdew jiġu żarmati l-korpi fl-1978, kienu ħarġu applikazzjonijiet għad-dħul f'ċertu gradi industrijali mal-Gvern. Għal raġuni jew oħra eventwalment meta dawn il-persuni bdew jiġu jingħataw the official appointment mal-public service, mal-Gvern, kien għadda l-15 ta' Jannar 1979 u allura dawn il-persuni ġaladarba ma kinux appuntati qabel il-15 ta' Jannar 1979 f'post pensjonabli fis-servizz pubbliku naturalment tilfu d-dritt għall-pensjoni tas-servizz.*

***Dr. Juliette Galea:-** Mela, ħu paċenzja ħares naqra lejn id-domanda numru tmienja, dak li għadek kif għedt, mela d-domanda numru tmienja ħa naqrahielek, mela, "informazzjoni dwar il-motivazzjoni u policy dwar l-għotja ta' grants lil kategoriji ta' persuni li ma rċevewx il-pensjoni tat-teżor, u kif dawn il kategoriji ta' persuni ġew magħżula." Mela, informazzjoni dwar il-kategoriji ta' persuni jidher illi tajtna, dawn li kienu jaħdmu fil-korpi, hemm diversi nies. Issa, għalfejn intagħżlu dawn it-tip ta' persuni, iġifieri dawn il-kategoriji ta' nies u mhux nies oħrajn? X'kienet l-policy? Iġifieri I want a more detailed,*

***Xhud:-** Mela, le. Il-għaliex jiena semmejt eżempju wieħed, kellek każi oħrajn bħal per eżempju ex ħaddiema tax-xatt, kellek ex pulizija jew pulizija kurrenti li għal xi snin għamlu xi sahra u ma tħallsux tagħha. U dawn ovjament ġew minn numru ta' talbiet illi kienu ilhom jagħmlu lill-Gvern għal snin sħaħ, u l-Gvern politikament iddeċieda hu u għażel hu liema każi ħass li għandu jindirizza.*

***Dr. Juliette Galea:-** Sur Imħallef naħseb nistgħu nagħlqu għall-lum.*

- 12 ta' Ottubru 2022, Mark Musù xehed in kontroeżami:

*<<... **Xhud:-** Issa, jiena nixtieq nikjarifika filfatt dak li kont xehedt. Għax fir-realta' rrealizzajt illi ma kontx korrett fix-xhieda tiegħi. Fis-sens illi dan kien hemm żewġ gruppi fl-MEB, grupp illi qabel ma daħlu ma' l-MEB kienu filfatt impjegati tas servizz pubbliku, u grupp ieħor li kienu daħlu fl-MEB meta kien, minn meta twaqqaf l-MEB 'l quddiem. U filfatt biss biss ta' meta kont qed nirreferi għal dawn dawn il-mitejn tnejn u ħamsin (252) impjegati dan jirriżulta li ma kinux dawk li kienu fis-servizz pubbliku pero kienu dawk li kienu daħlu fl-MEB wara.*

***Imħallef:**- Allura l-pożizzjoni tar-rikorrenti x'kienet? Ta' dawn li qed jagħmlu l kawża?*

***Dr. Juliette Galea**:- Dawn mhux inklużi. We are comparing this.*
***Xhud:-** Il-pożizzjoni tar-rikorrenti ma kinux fl-MEB iġifieri ma,*

***Imħallef:-** Mela kompli.*

***Xhud:-** Issa ovjament li kien ġara kien illi meta twaqqfet l-MEB, l-ħaddiema jew ir-rappreżentanti tagħhom dak iż-żmien, kienu għamlu claim li fil-mument li twaqqfet l-MEB, u allura kull min kien qed jiddaħħal fl-MEB minn dik id-data 'l quddiem ma setax jitqies iktar fis-servizz pubbliku, dawn il-ħaddiema kienu ħa jitpoġġew fi żvantaġġ ikkumparat mal-ħaddiema li kienu fis-servizz pubbliku qabel. U allura kif kont imbagħad xehedt jiena fix-xhieda tiegħi, fil, quddiem l kabinett fl-1970, kienet ittellgħet memo li kienet approvata fejn il-kabinett dak iż żmien kien approva li l-MEB twaqqaf skema ta' pensjoni li tkun bħal tal-Gvern u allura l-ħaddiema kollha at that stage mbagħad jiġu at par iġifieri jiġu trattati l istess, kif kont xehedt ukoll imbagħad, dik ma kinitx attwata, implimentata dik id-deċiżjoni għal għexieren ta' snin u mbagħad eventwalment ġiet implimentata ftit tas-snin ilu.*

*....*

***Xhud:-** Mela, it-tieni mistoqsija kienet kif normalment kien isir dak iż-żmien l appointment mas-servizz pubbliku nkluż il-pubblikazzjoni. Issa jkun aħjar kieku din il-mistoqsija ssir lil rappreżentant ta' l-uffiċju tal-Prim Ministru minħabba li l appointments tas-servizz pubbliku huma ggwidati ħa ngħid hekk mill-uffiċju tal Prim Ministru. Nista' forsi nwieġeb minn dak li naf jien, kif isir illum imma mhux kif kien isir dak iż-żmien.*

***Imħallef:-** Għid kif taf ifhem. Kif kienet dak iż-żmien tafha?*

***Xhud:-** Kif kienet dak iż-żmien ma nafx le.*

***Imħallef:**- Inbidlet dik is-sistema?*

***Xhud:**- Ma nistax ngħid. Ma nistax ngħid.*

*...*

***Xhud:-*** *Jekk intlietx il-form GP61 minn dawn il-mitejn u tnejn u ħamsin (252) impjegat, meta waslu fl-eta' li jipperċepixxu l-pensjoni u kull dokument relattiv. Filfatt nista' nikkonferma li iva kienet imtliet il-GP61, naturalment mhux meta waslu għall-pensjoni imma meta kien deċiż illi jingħataw id-dritt tal-pensjoni, jiġifieri dan kien allura fl-2017. Imtlew madwar mija u sebgħa, jew tmienja u ħamsin applikazzjoni. Il-GP61 hija l-applikazzjoni għall-pensjoni tas-servizz, ta' dawk li kienu għadhom ħajjin sa dak iż-żmien, dawn imtlew minn naħa tas-Sur Redent Balzan mill-HR tal-Korporazzjoni Enemalta u mbagħad il-kumplament tal-persuni, xi madwar erbgħa u disgħin li kienu mejtin sar eżerċizzju separat illi kien jinvolvi l-eredi awtorizzati tagħhom.*

***Dr. Juliette Galea****:- Żewġ domandi ta' kjarifika għax dawn il-punti importanti għalina. Mela ara jekk hux qed nifhmek sew jew le, kkoreġini fejn anke jekk ma taqbilx b'mod l-iktar minimu. Il-GP 61 fir-rigward tar-raba' mistoqsija qed nistaqsik, imtlew biss wara li ġiet implimentata dik il-cabinet decision.*

***Xhud:-*** *Iva.*

***Dr. Juliette Galea****:- Sewwa. Mhux qabel mhux meta ġew għal,*

***Xhud:****- No, no, no wara.*

***Dr. Juliette Galea:-*** *U t-tieni domanda hija, dawk it-two hundred fifty two (252) impjegat illi inti fix-xhieda tiegħek tat-2 ta' Ġunju kont għedt li kienu impjegati, ħa naqra eżatt, mas-servizz pubbliku, dawk li għedt, cioe li ma humiex filfatt, ma kinux impjegati tas-servizz pubbliku, jgħodd għaliehom kollha? Dawk it-two hundred fifty two?*

***Xhud:****- Iva, iva kjarifikajt illum illi ma kinux.*

***Dr. Juliette Galea****:- Dak kollox mix-xhud Sur Imħallef.*

*...*

***Xhud:-*** *L-iktar ħa ngħid hekk, punt ovju mingħajr ma nidħol fl-aspetti legali naturalment huwa li qed nitkellmu dwar impjegati li ma' kinux fl-MEB iġifieri r rikorrenti sa fejn naf jiena ma kinux impjegati ta' l-MEB iġifieri dik hija ħa ngħid hekk l-akbar differenza li nara.*

***Dr. Maria Fiorella Fenech Vella:-*** *Iżda d-differenza jiġifieri apparti għax dawn kienu,*

***Imħallef:****- Għaliex ta' l-MEB ġie deċiż hekk u fil-każ tas-sinjuri, x'inhi d differenza f'dak is-sens?*

***Xhud:****- Ehe. Fil-każ tas-sinjuri mill-informazzjoni li ġbart jirriżulta li fl-14 ta' Ottubru 2004, ingħatat deċiżjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, jiġifieri*

*Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, mill-Imħallef Tonio Mallia, li għandi hawnhekk u nista',*

***Imħallef:-*** *Tista' tesebieha please?*

***Xhud:-*** *Iva, nista' nesebieha. Fejn kien irriżulta jiġifieri,*

***Dr. Maria Fiorella Fenech Vella:-*** *Il-ħaddiema ma min kienu jaħdmu dak iż żmien?*

***Xhud:-*** *Il-ħaddiema kienu jaħdmu ma' AOL jew AEL, kumpanija Ingliża, Aero Radio Limited filfatt,*

***Dr. Maria Fiorella Fenech Vella:-*** *L-istess kumpanija li kienu jaħdmu magħha r-rikorrenti?*
***Xhud:-*** *Tajjeb li ngħid li r-rikorrenti ma kinux parti minn din il-kawża pero kienu jaħdmu ma' l-istess kumpanija. Kienu jaħdmu ma' l-istess kumpanija jiġifieri.*

***...***

***Xhud:-*** *Il-ħaddiema kienu jaħdmu ma' AOL jew AEL, kumpanija Ingliża, Aero Radio Limited filfatt,*

***Dr. Maria Fiorella Fenech Vella:-*** *L-istess kumpanija li kienu jaħdmu magħha r-rikorrenti?*

***Xhud:-*** *Tajjeb li ngħid li r-rikorrenti ma kinux parti minn din il-kawża pero kienu jaħdmu ma' l-istess kumpanija. Kienu jaħdmu ma' l-istess kumpanija jiġifieri.*

***Xhud:-*** *Jirriżulta li l-ħaddiema tista' tgħid kollha, tneħħi tnejn li astjenew ivvutaw favur li jibqgħu mpjegati ma' dik il-kumpanija bil-kundizzjonijiet li kellhom dak iż-żmien, iġifieri rrifjutaw l-option li jidħlu fis-servizz pubbliku dak iż-żmien, u rrifjutaw l-option li jwaqqfu kumpanija għal rashom għax kellhom dawk it-tliet options."*

24. Studjata x-xhieda fid-dawl ta' dak trattat mir-rikorrenti, din il-Qorti ma ssibx li dan ir-rikors kien mistħoqq:

*<<...Meta aħna ħarrikna x-xhieda u tlabna x'inhi l-policy dwar kif jingħataw dawn il-pensjonijiet baqa' għal sitt (6) xhur sħaħ din ir-risposta ma ħarġitx. Mela f'dik is-sitwazzjoni d-dover tal-Qorti huwa illi tevita tagħti kull ordni sabiex il proċedura ma tiġix maħkuma minn spirtu makjaveljan. U proċess ġust jirrikjedi strutturali li tidentifika u tiddefinixxi l-qofol tal-ilment u tiffaċilita l-ingaġġ tal-fatti mal-liġi relattiva. Dan assolutament ma sarx, anzi meta jiena pprovajt nagħfas ix-xhud, u l-kollega tista'*

*tikkonferma, x-xhud talab il-protezzjoni tal-Qorti; u din l informazzjoni ma ħarġitx...>>.*

25. Tassew ir-rikorrenti minflok ma ddeterminaw ir-raġuni l-għala kienu diskriminati u wara ressqu l-azzjoni l-ewwel ressqu l-azzjoni tagħhom u wara ttantaw ifittxu raġuni l-għaliex kienu diskriminati u issa jitolbu li tingħata ordni biex l-Istat iressaq kwalunkwe informazzjoni biex jiġi determinat jekk seħħitx leżjoni. Din il-Qorti ma hija sejra tagħmel xejn minn dan.

26. Ir-rikorrenti kellhom kwalunkwe opportunità li jressqu xhieda u ngħataw diversi seduti għall-provi tagħhom. Issa huwa minnu li x-xhud hu mistenni jipprovdi informazzjoni li jkollu fil-pussess tiegħu madankollu r-rikorrenti ma jistgħux jaqilbu l-kawża f'waħda ta' *fishing expedition*. Din il-Qorti hawn aktar u aktar taqbel li l-azzjoni kienet malkonċepita, għaliex flok mar-rikorrenti kienu ċari u spjegaw kif sofrew diskriminazzjoni meta mqabbla ma' terzi, minflok tul il-mori tal-kawża l-ewwel pruvaw jibbażaw l-azzjoni tagħhom billi għamlu paragun mal-ħaddiema tal-Mata Electricity Board, wara ma' ħaddiema li ggwadanjaw minn xi *one-time grant* u fl-aħħar riedu li jiġu provduti b'informazzjoni dwar kull persuna li qatt ħadet pensjoni tat-teżor u dan biex ikunu jistgħu jiġġustifikaw l-azzjoni tagħhom! Dan ma għandux ikun. Kawża kostituzzjonali ma hijiex skuża biex issir investigazzjoni u agħar minn hekk biex jiġu miżrugħa l-ipoteżijiet bit-tama li xi waħda minnhom tkabbar l-għeruq.

27. Jingħad ukoll li din il-Qorti ma tqisx li r-rikorrenti ressqu raġunijiet biżżejjed biex jikkonvinċu lil din il-Qorti li kellhom dritt jieħdu l-pensjoni skont il-Kapitolu 93 u konsegwentement, kif ser jiġi indirizzat aktar 'il quddiem, xorta waħda mhuwiex biżżejjed li jintwera li ħaddieħor ħa xi pensjoni. Il-Qorti għalhekk tiċħad ir-rikors.

28. **Permezz tal-ewwel aggravju r-rikorrenti** jilmentaw li mhux minnu li l-azzjoni kienet malkonċepita. F'diversi paragrafi tas-sentenza tal-Ewwel Qorti ssir referenza għall-kliem żewġ terzi, meta din in-nomenklatura ġiet rimossa mir-rikors promotur, sentejn qabel ma ngħatat is-sentenza. *In oltre* r-rikors promotur jirreferi għall-Kapitolu 93 u qatt ma jirreferi għall-Kapitolu 318. L-impreċizjoni fl-atti legali mhux desiderabbli iżda l-ġudikant għandu, sa fejn possibbli, isalva u jistrada l-azzjoni billi jitlob kjarifika fil-mori tal-kawża. Ma jiswiex li l-ġudikant juri emottività fil-konfront tal-appellanti imma fl-istess nifs jgħid li mhux ċert mill-eżerċizzju ġudizzjarju mitlub; dan anke fid-dawl li r-rikorrent Philip Pirotta xehed li kien jaf li l-pensjoni taż-żewġ terzi mhux l-istess bħall-pensjoni tas-servizz. Mid-diversi seduti li saru, is-segretarju permanenti mħarrek dam 5 seduti biex jikkjarifika li 252 individwu ma kellhomx appuntament formali u ngħataw pensjoni ekwivalenti għal dik fil-Kapitolu 93 u li diversi persuni oħra ngħataw *grants in lieu*. Importanti wkoll li jingħad li ħadd mix-xhieda ma kien jaf bil-*policy* adottata fl-għotja ta' dan l-i*status* skont l-Artikolu 21

tal-Kapitolu 93. Jekk kien hemm *policy*, l-Istat kien obbligat jissupplixxi informazzjoni f'dan ir-rigward.

29. Jargumentaw li huma kienu jafu diversi persuni tekniċi li rċevew pensjoni *ai termini* tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 93. L-intimati u r-rappreżentanti tal-gvern ma kinux kapaċi jiddentifikaw l-eżistenza ta' xi *policy* ġusta u trasparenti li kienet qed tiġi mħaddna jew jekk din kinitx teżisti. Li hu deplorabbli li ċ-ċittadin ma jkollux aċċess għall-informazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-ġurnalista, meta f'dan il-każ l-informazzjoni mitluba mhux xi sigriet tal-istat. Din l-azzjoni kienet waħda ta' *last resort* u għaldaqstant ir-rikorrenti kienu diġà sabu diversi ostakoli sabiex jottjenu informazzjoni adegwata u konsegwentement ma jikkondividux l-opinjoni tal-Ewwel Qorti li l-azzjoni kienet malkonċepita.

30. Għal dan l-aggravju l-**Avukat tal-Istat u l-Onorevoli Prim Ministru** jwieġbu li jifhmu sew il-punt li riedet tgħaddi l-Ewwel Qorti u dan għaliex qabel ma tiġi intavolata l-kawża wieħed għandu jkun preparat. L-Ewwel Qorti stess ikkummentat kemm kien xott ir-rikors promotur, kemm għall-intimati biex jirrispondu għall-kawża u kemm għall-Qorti biex tiddeċiedi l-vertenza. L-azzjoni tar-rikorrenti kienet fil-fatt xi ftit neboluża u dan anke għaliex għalkemm l-intimati ġibdu l-attenzjoni tar-rikorrenti, bl-eċċezzjonijiet tagħhom, damu sentejn sakemm saru l-korrezzjonijiet neċessarji. Dan però ma mpinġa xejn fuq il-qofol tal-kawża għaliex l-

Ewwel Qorti xorta stradat il-kawża sew u xorta waħda mxiet fuq il-binarji kif eventwalment korretti mill-istess rikorrenti.

31. **Din il-Qorti tqis li** s-sustanza ta' dan l-aggravju diġà ġie indirizzat fil-konsiderazzjonijiet magħmula fir-rigward tar-rikors imressaq fil-mori tal-appell mir-rikorrenti nhar il-11 ta' Marzu 2024. Jerġa' jingħad li d-dmir tal-ġudikant mhuwiex li jagħmel xogħol il-partijiet, għalkemm ta' min jissenjala li minn qari tal-verbali u xhieda l-Ewwel Qorti mhux biss jidher li wriet animu kooperattiv iżda fejn kien hemm bżonn kjarifika minn xi xhud intervjeniet hi.

32. Jerġa' jingħad li l-iskop ta' kawża kostituzzjonali mhuwiex li jsiru l-allegazzjonijiet biex wara wieħed jara x'jista' jolqot. Jiġi osservat ukoll li permezz ta' dan l-aggravju r-rikorrenti donnhom qed jilmentaw illi jafu b'persuni li ħadu pensjoni tat-teżor imma jekk dan kien il-każ dejjem setgħu ressquhom bħala xhieda.

33. Iżda fl-aħħar mill-aħħar din il-Qorti tqis li dan l-aggravju hu inutli u dan peress li permezz tiegħu qiegħda tintalab biss dikjarazzjoni li ma hija ser ikollha l-ebda effett materjali fuq l-eżitu tal-kawża. Konsegwentement dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

34. **Issir referenza għat-tieni aggravju** li huwa titolat: *Għall-finijiet ta' proċeduri ulterjuri qed jerġa jiġi invokat l-Art. 1 tal-Protocol 12 tal-Konvenzjoni*. Malta ffirmat u rratifikat dan il-Protokoll 12 fit-18 ta' Diċembru 2015 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2016. Ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda argumentazzjoni oħra. **L-Avukat tal-Istat wieġeb li** l-appellanti ma jaqblux mal-aggravju u dan għaliex dan il-protokoll mhux parti mill-protokolli applikabbli għall-finijiet tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan kien anke kkonfermat f'każistika ta' din il-Qorti. Madankollu anke jekk il-leġislatur ma daħħalx dan il-protokoll fil-liġi domestika huwa fatt ukoll li ħafna mill-artikoli kkwotati mill-appellanti diġà jinsabu fil-liġi Maltija u konsegwentement, ir-rikorrenti setgħu llimitaw ruħhom għal dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni ta' Malta.

35. **Din il-Qorti tosserva li** kif diġà qieset l-Ewwel Qorti u kif argumenta l-Avukat tal-Istat, dan il-protokoll ma ġiex adottat fil-korp tal-liġijiet Maltin, senjatament fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta; infatti d-definizzjoni ta' *Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali* fil-Kapitolu 319 ma tinkludix referenza għat-tnax-il protokoll:

> *"fisser dawk id-drittijiet u libertajiet elenkati fl-artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni u l-artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll, l-artikoli 1 sa 4 (inklużi) tar-Raba' Protokoll, l-artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll u l-artikoli 1 sa 5 (inklużi) tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni, liema artikoli qegħdin jinġiebu fl-Ewwel Skeda."*

36. Tassew jiġi nnutat li l-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta ġie emendat l-aħħar fl-2007 u dan meta t-Tnax-il Protokoll ġie ratifikat fit-8 ta' Diċembru 2015 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2016. Ikun siwi li la l-Istat Malti rratifika dan il-protokoll issa jiżgura li jiġi nkluż fil-korp ta' liġijiet. Madankollu din il-Qorti ma tistax tqis li f'dan l-istadju dan il-protokoll huwa enforzabbli u konsegwentement hi kostretta twarrab dan l-aggravju.

37. **Permezz tat-tielet aggravju** r-rikorrenti jargumentaw illi s-sistematika adottata mill-Ewwel Qorti fid-deliberazzjonijiet tagħha, mhix konformi ma' dik adottata mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-każijiet ewlenin l-aktar reċenti, dwar l-Artikolu 14 individwalment kif ukoll abbinat mal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll. B'mod speċifiku, skont każistika relevanti u ewlenija tal-Qorti Ewropea, differenza fit-trattament a bażi ta' *'status'/appointment* waħdu jista' jammonta għal vjolazzjoni tal-Art. 14 u mill-provi jirriżulta li (a) mhux kull individwu f'sitwazzjoni komparabbli ma' dik tal-appellanti ġie mċaħħad mill-pensjoni stabbilita permezz tal-Kapitolu 93, (b) l-individwi oħra f'sitwazzjoni komparabbli ma' dik tal-appellanti ngħataw pensjoni, u (ċ) individwi oħrajn ingħataw *grants in lieu* tal-pretensjonijiet tagħhom għall-pensjoni stabbilita taħt il-Kapitolu 93.

38. Ir-rikorrenti jelaboraw li ġie aċċettat li l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll japplika għall-*fattispecie* ta' dawn il-proċeduri, u dan a bażi ta'

diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Madankollu r-rikorrenti appellanti ma jaċċettawx il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-Artikolu 14. Jidher ukoll li l-Ewwel Qorti skartat il-*Guide on Article 1 of Protocol No. 1 to the European Convention on Human Rights Protection of Property* u l-*Guide on Article 14 of the European Convention on Human Rights and on Article 1 of Protocol No. 12 to the Convention.* Lanqas ma ngħata piż lis-sentenza ta' **Molla Sali vs Greece, Fabian vs Hungary, Carson and others vs the United Kingdom** u **Stec and Others vs the United Kingdom**. Dawn il-gwidi u din il-każistika toffri gwida ta' kif għandu jiġi applikat id-dritt sostantiv konvenzjonali.

39. Is-sentenza tal-Ewwel Qorti tonqos milli tapplika l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll b'mod adegwat fil-kuntest tal-Artikolu 14. L-Ewwel Qorti kienet obbligata tindirizza individwalment l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll u teżamina jekk l-interferenza kkreata permezz tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 93 u ċjoè l-introduzzjoni ta' *date of appointment*, kinitx ġustifikata fl-għan u jekk kinitx proporzjonali. Dan skont metodoloġija utilizzata mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-appellanti jsostnu li fl-ebda mument f'dawn il-proċeduri ma ġie spjegat x'kienet il-*policy* adottata fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 93. Ċertament li s-snin sebgħin kienu żmien diffiċli finanzjarjament għal Malta però l-iffrankar tal-fondi pubbliċi m'għandhiex

issir a skapitu tal-individwu mingħajr *policy* ċara li tapplika għal kulħadd b'mod ġust u ekwu.

40. Dwar l-Artikolu 14, ir-rikorrenti jagħmlu referenza għall-kawża fl-ismijiet **Chassagnou and others v. France**, fejn ġie ddikjarat li Artikolu 14 ma kellu l-ebda eżistenza indipendenti iżda jikkumplimenta drittijiet oħra fil-konvenzjoni peress li jipproteġi individwi minn kwalunkwe diskriminazzjoni fit-tgawdija tad-drittijiet tagħhom. Fejn il-ksur ta' dritt sostantiv ikun invokat, kemm waħdu u flimkien mal-Artikolu 14, mhux neċessarjament hu bżonnjuż li wieħed jindaga l-ksur tad-dritt sostantiv fid-dawl tal-Artikolu 14 sakemm l-element ta' inugwaljanza ma jkunx ċentrali għall-każ in kwistjoni.

41. F'dan il-każ jiġi mfakkar li r-rikorrenti ġew affaċċjati b'telf ta' 66% tal-paga tagħhom u dan meta ġiet impoġġija għażla quddiemhom. Jistaqsu jekk din l-għażla tpoġġietx quddiem kulħadd. B'referenza għall-*Molla Sali*, jisħqu li l-piż tal-prova, fejn jirrigwarda l-Artikolu 14, idur fuq il-Gvern fil-mument li jintwera li saret diskriminazzjoni u li huwa l-Gvern li jrid juri li d-differenza fit-trattament kien iġġustifikat. Biex tqum kwistjoni taħt l-Artikolu 14, għandu jkun hemm trattament divers bejn persuni f'sitwazzjonijiet analogi u li tista' tingħata interpretazzjoni usa ta' *other status*.

42. Konsegwentement apparti li ma saritx il-prova, l-Artikolu 21 fih innifsu jivvjola kemm l-Artikolu 14 u kemm l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

43. **Fir-rigward ta' dan l-aggravju** l-intimati jsostnu li ma jaqblux mal-aggravju u dan għaliex l-Ewwel Qorti mxiet strettament mat-talbiet tar-rikorrenti u mar-raġunament tal-Qorti Ewropea u qieset l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll kemm individwalment u kemm mal-Artikolu 14, aktar u aktar meta dan l-artikolu ma jistax jiġi eżaminat waħdu. Fuq kollox huma r-rikorrenti stess li qed jikkwotaw sentenzi li jsostnu li l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni m'għandux eżistenza indipendenti.

44. Il-fatti tal-każ iduru mal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 93 u l-ebda mit-talbiet ma jattakkaw l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 93. Għaldaqstant, la l-liġi mhux qed tiġi attakkata u mill-provi joħroġ li l-partijiet ma kinux jikkwalifikaw għall-pensjoni ta' servizz allura ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet imsemmija mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll. Ifakkru li anke d-drittijiet fundamentali għandhom il-limiti tagħhom u li mhumiex assoluti. Kienu r-rikorrenti stess li għażlu li ma jibbenefikawx minn tali pensjoni meta għażlu li ma jkunux impjegati tal-Gvern. Kienet b'hekk korretta l-Ewwel Qorti li ddeterminat dan il-każ fuq żewġ binarji, u ċjoè fuq l-għażliet li għamlu r-rikorrenti u d-data li fiha bdew uffiċjalment jaħdmu mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili.

45. Kienu r-rikorrenti stess li ma ridux ikunu impjegati tal-Gvern għaliex kienet ser tonqsilhom il-paga u la għamlu din l-għażla volontarjament mela japplika perfettament il-massimu *volenti non fit injuria*. Kienu huma li għażlu din it-triq u ċjoè paga aħjar a skapitu tal-pensjoni u issa li waslu fl-istadju tal-pensjoni ma jistgħux jippretendu li għandhom dritt għall-pensjoni tas-servizz u jippretendu li wara li ħadu paga aktar għolja issa jieħdu wkoll il-pensjoni. Ma jkunx ġust li min irrinunzja għall-impjieg pensjonabbli mal-gvern, jiġi issa wara tant żmien isostni li nkisrulu d-drittijiet fundamentali tagħhom meta l-għażla kienet tagħhom.

46. L-Artikolu 14 ma jipprojbixxix kull differenza fi trattament imma biss fejn hemm dawk id-differenzi fi trattament ibbażat fuq karratteristika identifikabbli, oġġettiva u personali jew 'status'. Il-lista hi indikattiva u tista' tinkludi oħrajn. Min jallega d-diskriminazzjoni għandu jkun f'pożizzjoni adegwata li jikkompara lilu nnifsu ma' klassi ta' persuni li ġew trattati b'mod vantaġġuż jew inqas żvantaġġuż u jrid isir paragun bejn l-iżvantaġġat u l-ivvantaġġat fuq terren ta' ċirkostanzi pari.

47. L-Ewwel Qorti saħqet sew li wieħed għandu jħares lejn il-fatti tal-każ għaliex meta wieħed jiżen iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, jirriżulta li r-rikorrenti ma ngħatawx xi trattament differenti minn dak li ngħata lill-ħaddiema l-oħra li kienu wkoll jaħdmu mal-kumpanija Ingliża. L-intimati

għamlu ħilithom biex iressqu l-provi, minkejja t-trapass taż-żmien. Ir-rikorrenti naqsu milli juru li ġew trattati differenti minn persuni li kienu fl-istess ċirkostanza tagħhom u kienet għażla tagħhom li jżommu l-kondizzjonijiet tal-impjieg mal-IAL flok dawk ta' mal-Gvern. Ma jistax isir paragun mal-ħaddiema tax-xatt, jew korpi jew pulizija u dan għaliex *oltre* li ngħataw kariga mal-Gvern fl-1 ta' April 1979 ċjoè wara d-data tal-15 ta' Jannar 1979 imsemmija fil-Artikolu 21 tal-Kapitolu 93, f'April tal-1973 ir-rikorrenti ngħataw iċ-ċans li jkollhom impjieg pensjonabbli u huma stess kienu rrifjutaw l-istess impjieg pensjonabbli. Fir-rigward tad-data ta' appuntament u b'referenza lejn ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ma teżisti l-ebda diskriminazzjoni fir-rigward għad-data partikolari minn meta beda r-reġim leġiżlattiv ġdid u li *cut-off date* tikkreja differenza fit-trattament li hu inevitabbli meta jiġu introdotti sistemi ġodda.

48. **Din il-Qorti tibda** biex tgħid li rat il-kawżi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, senjatament ***Molla Salli vs Greece, Fabian vs Hungary, Carson and others vs the United Kingdom*** u ***Stec and Others vs the United Kingdom*.**

49. Fil-każ ta' ***Molla Salli vs Greece***[4]*,* din il-Qorti rat li l-kwistjoni kienet tirrigwarda liġijiet tas-suċċessjoni fil-każ ta' persuni Griegi li jħaddnu t-

[4]*Application no*. 20452/14 deċiża fid-19 ta' Diċembru 2018

twemmin Musulman u li fil-każ tagħhom, anke jekk ikunu rregolaw is-suċċessjoni tagħhom b'testment skont il-liġi ċivili Griega, xorta waħda kienet tapplika fil-konfront tagħhom il-liġi tax-Xarija Islamika. F'dan il-każ l-applikanta lmentat li l-applikazzjoni tal-liġi tax-Xarija Islamika flok dik ċivili Griega ċaħditha minn porzjon akbar mill-patrimonju tar-raġel tagħha bi ksur tal-Artikoli 6 u 14, u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan meta r-raġel tagħha stess kien għamel testment skont il-liġi ċivili Griega. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, għalkemm sabet ksur tal-Artikolu 14, saħqet ukoll li:

> *<<..34. However, not every difference in treatment will amount to a violation of Article 14. Only differences in treatment based on an identifiable characteristic, or "status", are capable of amounting to discrimination within the meaning of Article 14 (see Fábián, cited above, § 113 and the references therein). In this context, the Court reiterates that the words "other status" have generally been given a wide meaning in its case-law (see Carson and Others, cited above, § 70) and their interpretation has not been limited to characteristics which are personal in the sense that they are innate or inherent (see Clift v. the United Kingdom, no. 7205/07, §§ 56-59, 13 July 2010)..>>*

50. Fil-każ ta' ***Fabian vs Hungary***[5] l-applikant ressaq l-ilment tiegħu għaliex wara ammont ta' snin li fihom kien jirċievi pensjoni tal-istat li kienet dovuta lilu talli kien renda servizz fil-korp tal-pulizija, waqt li xorta waħda kien impjegat mas-settur pubbliku, dik il-pensjoni ġiet imwaqqfa frott tibdil leġiżlattiv. Hu lmenta li l-pensjoni kienet *"an acquired right"* u li sofra leżjoni tal-Artikolu 14 u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-

[5] *Application no*. 78117/13 deċiża 5 ta' Settembru 2017

Konvenzjoni Ewropea. F'dan il-każ, fejn l-applikant kien diġà qed jirċievi l-pensjoni, il-Qorti ta' Strasburgu ma sabitx ksur tad-drittijiet tal-applikant:

> *<<..84. On the basis of the foregoing, and once more bearing in mind the State's wide margin of appreciation in the matter and the legitimate aims of protecting the public purse and ensuring the long-term sustainability of the Hungarian pension system, the Court finds that a fair balance was struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the applicant's fundamental rights, and that he was not made to bear an excessive individual burden...>>*

51. Fejn imbagħad jirrigwarda l-ksur tal-Artikolu 14 l-applikant ilmenta li hu sofra trattament mhux ġustifikat għaliex: *"..the suspension of old-age pension payments to which he was subjected on account of his employment in the public sector did not apply, firstly, to old-age pension recipients working in the private sector and, secondly, to old-age pension recipients working in certain categories within the public sector."* Il-Qorti ta' Strasburgu ma sabitx ksur tal-Artikolu 14 u dan għaliex qieset li persuna impjegata fis-settur pubbliku u persuna impjegata fis-settur privat ma kinux f'sitwazzjoni analoga u infatti dik il-Qorti għamlet is-segwenti punti:

> *<<..121. The Court reiterates that a difference in treatment may raise an issue from the point of view of the prohibition of discrimination as provided for in Article 14 of the Convention only if the persons subjected to different treatment are in a relevantly similar situation, taking into account the elements that characterise their circumstances in the particular context. The Court notes that the elements which characterise different situations, and determine their comparability, must be assessed in the light of the subject-matter and purpose of the measure which makes the distinction in question.*
>
> *122. As a general starting-point the Court considers, firstly, that the Contracting Parties, by necessity, enjoy wide latitude in organising State*

*functions and public services, including such matters as regulating access to employment in the public sector and the terms and conditions governing such employment, in the context of their obligations under the Convention.*

*Secondly, for institutional and functional reasons, employment in the public sector and in the private sector may typically be subject to substantial legal and factual differences, not least in fields involving the exercise of sovereign State power and the provision of essential public services. Civil servants, unlike persons employed in the private sector, may be engaged in the exercise of the State's sovereign power, and therefore their functions as well as the duty of loyalty owed to their employer may be of a different nature, although the extent to which this is the case may depend on the specific functions they have to perform.*

*Thirdly, as a result of the above, it cannot be assumed that the terms and conditions of employment, including the financial ones, or the eligibility for social benefits linked to employment, will be similar in the civil service and in the private sector, nor can it therefore be presumed that these categories of employees will be in relevantly similar situations in this regard. Another important difference in this context is that the salaries as well as the employment-linked social benefits of State employees, unlike those of private-sector employees, are paid by the State.*

*123. Each of the three kinds of considerations mentioned above is widely reflected in various ways in a long-standing line of case-law recognising a distinction between civil servants and private employees as two categories that are not comparable...>>*

52. Issa fil-każ ta' ***Carson and others vs the United Kingdom***[6] l-applikanti lmentaw li l-istat ma riedx jaġġusta l-pensjoni skont l-indiċi tal-inflazzjoni. F'dak il-każ l-applikanti kienu persuni li ħadmu u ħallsu bolla ġewwa r-Renju Unit u wara emigraw. Il-Qorti ta' Strasburgu aċċettat li tindaga l-ilment fil-parametri tal-Artikolu 14 u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kontestwalment. F'dak il-każ il-Qorti ta' Strasburgu ma sabitx ksur tal-Artikolu 14 u fil-konsiderazzjonijiet tagħha saħqet li:

[6] *Application no*. 42184/05 deċiża 16 ta' Marzu 2010

*<<..61. The Court has established in its case-law that only differences in treatment based on an identifiable characteristic, or "status", are capable of amounting to discrimination within the meaning of Article 14 (see Kjeldsen, Busk Madsen and Pedersen v. Denmark, 7 December 1976, § 56, Series A no. 23). Moreover, in order for an issue to arise under Article 14 there must be a difference in the treatment of persons in analogous, or relevantly similar, situations (see D.H. and Others v. the Czech Republic [GC], no. 57325/00, § 175, ECHR 2007-IV, and Burden v. the United Kingdom [GC], no. 13378/05, § 60, ECHR 2008). Such a difference in treatment is discriminatory if it has no objective and reasonable justification; in other words, if it does not pursue a legitimate aim or if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised. The Contracting State enjoys a margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a different treatment (see Burden, cited above, § 60). The scope of this margin will vary according to the circumstances, the subject-matter and the background. A wide margin is usually allowed to the State under the Convention when it comes to general measures of economic or social strategy. Because of their direct knowledge of their society and its needs, the national authorities are in principle better placed than the international judge to appreciate what is in the public interest on social or economic grounds, and the Court will generally respect the legislature's policy choice unless it is "manifestly without reasonable foundation" (see Stec and Others v. the United Kingdom [GC], no. 65731/01 and 65900/01, § 52, ECHR 2006-VI).*

*1. The Court observes at the outset that, as with all complaints of alleged discrimination in a welfare or pensions system, it is concerned with the compatibility with Article 14 of the system, not with the individual facts or circumstances of the particular applicants or of others who are or might be affected by the legislation (see, for example, Stec and Others, cited above, §§ 50-67; Burden, cited above, §§ 58-66; and Andrejeva v. Latvia [GC], no. 55707/00, §§ 74-92, ECHR 2009). Much is made in the applicants' submissions and in those of the third-party intervener of the extreme financial hardship which may result from the policy not to uprate pensions and of the effect that this might have on the ability of certain persons to join their families abroad. However, the Court is not in a position to make an assessment of the effects, if any, on the many thousands in the same position as the applicants and nor should it try to do so. Any welfare system, to be workable, may have to use broad categorisations to distinguish between different groups in need (see Runkee and White v. the United Kingdom, nos. 42949/98 and 53134/99, § 39, 10 May 2007). As in the cases cited above, the Court's role is to determine the question of principle, namely whether the legislation as such unlawfully discriminates between persons who are in an analogous situation..>>*

53. Fil-każ ta' ***Stec and Others vs the United Kingdom***[7] l-applikanti, li kollha sofrew korriment fuq ix-xogħol, ilmentaw li kien hemm trattament differenti abbażi tas-sess tal-persuna fir-rigward tal-età tal-irtirar. L-applikanti lmentaw minn ksur tal-Artikolu 14 u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem saħqet li:

> *<<..66. In conclusion, the Court finds that the difference in State pensionable age between men and women in the United Kingdom was originally intended to correct the disadvantaged economic position of women. It continued to be reasonably and objectively justified on this ground until such time as social and economic changes removed the need for special treatment for women. The respondent State's decisions as to the precise timing and means of putting right the inequality were not so manifestly unreasonable as to exceed the wide margin of appreciation allowed it in such a field (see paragraph 52 above). Similarly, the decision to link eligibility for REA to the pension system was reasonably and objectively justified, given that this benefit is intended to compensate for reduced earning capacity during a person's working life. There has not, therefore, been a violation of Article 14 of the Convention taken in conjunction with Article 1 of Protocol No. 1 in this case.*
>
> *67. The above finding renders it unnecessary for the Court to consider separately the issues relating to the victim status of the third, fourth and fifth applicants (see paragraph 11 above)..>>*

54. Tassew għalkemm hemm diversi prinċipji li din il-Qorti trid iżżomm f'moħħha, tosserva li ċ-ċirkostanzi f'dawk il-kawżi kienu kemxejn differenti, fattur li ma jistax jiġi injorat meta l-bażi ta' din l-azzjoni hija wkoll id-diskriminazzjoni. Issa kif ġiet rikonoxxut ukoll, u miġbur fil-Gwida fuq l-Artikolu 14, mhux kull trattament differenti hu diskriminatorju:

> *54. Not all differences in treatment – or failure to treat differently persons in relevantly different situations – constitute discrimination, but only those devoid of "an objective and reasonable justification" (Molla Sali v. Greece [GC], 2018, § 135; Fabris v. France [GC], 2013, § 56; D.H. and Others*

[7] *Applications nos. 65731/01 and 65900/01* deċiżi flimkien fit-12 ta' April 2006

*v. the Czech Republic [GC], 2007, § 175; Hoogendijk v. the Netherlands (dec.), 2005).*[8]

Il-Gwida tkompli li meta l-Qorti tiġi biex tiddeċiedi jekk seħħitx diskriminazzjoni għandha tapplika s-segwenti test:

*"55. When deciding cases of discrimination, the Court will apply the following test:*

*1. Has there been a difference in treatment of persons in analogous or relevantly similar situations – or a failure to treat differently persons in relevantly different situations?*

*2. If so, is such difference – or absence of difference – objectively justified? In particular,*

*a. Does it pursue a legitimate aim?*

*b. Are the means employed reasonably proportionate to the aim pursued?*

*...*

*60. The Court has now clarified that the elements which characterise different situations, and determine their comparability, must be assessed in light of the subject-matter, objective of the impugned provision and the context in which the alleged discrimination is occurring (Fábián v. Hungary [GC], 2017, § 121; Advisory opinion on the difference in treatment between landowner associations "having a recognised existence on the date of the creation of an approved municipal hunters' association" and those set up after that date, 2022). The assessment of the question of whether or not two persons or groups are in a comparable situation for the purposes of an analysis of differential treatment and discrimination is both specific and contextual; it can only be based on objective and verifiable elements, and the comparable situations must be considered as a whole, avoiding isolated or marginal aspects which would make the entire analysis artificial (ibid.)."*

[8] *Guide on Article 14 of the European Convention on Human Rights and on Article 1 of Protocol No. 12 to the Convention – Prohibition of discrimination- Updated on 31 August 2024*

55. **Issa f'dan il-każ din il-Qorti rat li** r-rikorrenti jilmentaw li ma ġewx trattati bħall-ħaddiema oħra tal-Gvern u b'hekk ma ġewx mogħtija pensjoni hekk kif stabbilita mill-Kapitolu 93 tal-Liġijiet ta' Malta.

56. Din il-Qorti rat li kien fl-1 ta' April tal-1979 li huma ngħataw *appointment* mas-servizz pubbliku; skont l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 93, l-*appointment cut-off date* sabiex ħaddiema mas-servizz pubbliku jiġu kkonsidrati għall-pensjoni tas-servizz pubbliku kienet il-15 ta' Jannar 1979. Fid-data tal-15 ta' Jannar 1979, din il-Qorti tosserva li għalkemm ir-rikorrenti kienu qed jipprestaw servizzi lill-Gvern u jirċievu paga mill-Gvern ukoll, huma kienu għadhom ma ġewx formalment appuntati mal-Gvern u skont il-vot u l-għażla li għamlu l-ħaddiema tal-International Aeradio Limited, inkluż ir-rikorrenti, huma kienu regolati bis-segwenti kundizzjonijiet:

i. *"Employees to retain the same terms and conditions enjoyed with IAL Ltd, with any Government cost-of-living improvements, for so long as use continued to be made of facilities in Malta by the British authorities, after which the Malta Government would have no responsability for the employees."*

57. Ir-rikorrenti jargumentaw li huma ma kinux konxji li mhux ser jieħdu pensjoni tal-Gvern meta ħadu din id-deċiżjoni, madankollu milli osservat din il-Qorti, ma jidhirx li fil-mument li għamlu l-għażla r-rikorrenti kienu ħaddiema tal-Gvern, anzi kienu impjegati tal-kumpanija Ingliża. Fl-affidavit tiegħu wieħed mir-rikorrenti jilmenta li qabel u wara l-*appointment*

tiegħu hu kien jagħmel l-istess xogħol; dan ma jidhirx li huwa kkontestat iżda ma jbiddilx is-sitwazzjoni.

58. Issa rigward il-politika adottata mill-Gvern u r-raġuni l-għala ġiet magħżula d-data tal-15 ta' Jannar 1979 u mhux xi data oħra ma tressqitx informazzjoni, iżda aktar minn hekk, anqas jista' jingħad li l-ilment tar-rikorrenti kien idur speċifikatament ma' din id-data. Tassew ir-rikorrenti donnhom jaċċettaw li l-Istat għandu dritt li jfassal il-politika tiegħu. Ta' min josserva wkoll li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għarfet li *cut-off date* ta' xi skema jew bdil leġiżlattiv, taqa' fil-marġini wiesgħa ta' apprezzament tal-Istat:

> *<<...The choice of a cut-off date when transforming social security regimes must be considered as falling within the wide margin of appreciation afforded to a State when reforming its social strategy policy and in the instant case the impugned cut-off date can be deemed reasonably and objectively justified...>>*[9]

u

> *<<..2. In any case, the Court reiterates that no discrimination is disclosed by a particular date being chosen for the commencement of a new legislative regime (see, mutatis mutandis, Massey v. the United Kingdom, (dec.) no. 14399/02, 8 April 2003), and that differential treatment arising out of a legislative change is not discriminatory where it has a reasonable and objective justification in the interests of the good administration of justice (see, mutatis mutandis, Stacey v. the United Kingdom (dec.), no. 16576/90, 3 December 1990). The use of a cut-off date creating a difference in treatment is an inevitable consequence of introducing new systems which replace previous and outdated schemes. Moreover, the choice of such a cut-off date when introducing new regimes falls within the wide margin of appreciation afforded to a State when reforming its policies (see, mutatis mutandis, Twizell v. the United Kingdom, no. 25379/02, § 24, 20 May 2008)...>>*[10]

---

[9]*Application no.* 25379/02 – **Twizell v. the United Kingdom** – deċiża nhar l-20 ta' Mejju 2008
[10]Application no. 47045/06 – **Amato Gauvi v. Malta** – reża finali nhar il-15 ta' Diċemru 2009.

59. Ir-rikorrenti ma jidhrux li qed jattakkaw il-provvedimenti tal-Kapitolu 93 iżda jgħidu li dan japplika għalihom ukoll billi jargumentaw li ħaddieħor rċieva pensjoni skont il-Kapitolu 93 anke jekk l-appuntament seħħ wara l-15 ta' Jannar 1979. Dan jidher li hu evidenti mill-fatt li r-rikorrenti ressqu l-azzjoni tagħhom ammont ta' snin wara mhux biss li daħlet fis-seħħ il-liġi iżda wara li ġew mogħtija l-pensjonijiet lill-ħaddiema tal-*Malta Electricity Board.*

60. Fir-rigward ta' dak li jilmentaw minnu r-rikorrenti f'dan l-aggravju u ċjoè li mhux kull individwu f'sitwazzjoni komparabbli ma' dik tal-appellanti ġie mċaħħad mill-pensjoni stabbilita permezz tal-Kapitolu 93, din il-Qorti tqis li r-rikorrenti ttantaw jipparagunaw lilhom infushom ma' aktar minn grupp wieħed ta' persuni.

61. Jiġi osservat li fir-rigward ta' persuni oħra li kienu jaħdmu mal-International Aeradio Limited ma tressqet l-ebda prova li dawn ħadu pensjoni tat-teżor.

62. Fir-rigward tal-argument magħmul li persuni oħra, fil-korpi, ngħataw *grants in lieu* tal-pretensjonijiet tagħhom u nħarġu wkoll skemi, senjatament ħaddiema tax-xatt, membri tal-Korp tal-Pulizija u membri tal-Gas Board, din il-Qorti ma tqisx li l-każ odjern jirrelata ma' *grants in lieu*

iżda ma' pensjonijiet u għaldaqstant inutli li r-rikorrenti jittantaw jagħmlu paragun ma' dawn il-persuni u dan meta r-rikorrenti qatt ma talbu *grants* iżda dejjem talbu pensjoni.

63. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-*Malta Electricity Board* u l-pensjoni li ngħataw lill-ħaddiema din il-Qorti rat li skont il-provi mressqa:

i. Meta ġiet iffurmata l-Malta Electricity Board kien hemm ħaddiema li mxew mis-servizz pubbliku u li kienu uffiċjali pubbliċi għall-*Board* iżda peress li ma kienx jeżisti l-kunċett ta' *detailing* kellhom jirriżenjaw biex jiddaħħlu fil-*Malta Electricity Board*. Apparti dawk il-persuni kien hemm grupp ta' nies li daħlu direttament mal-*Malta Electricity Board*. Kemm minħabba li uffiċjali pubbliċi kellhom jirriżenjaw u kemm minħabba li kien ser ikun hemm differenza fit-trattament bejn dawk li kienu uffiċjali pubbliċi u dawk li daħħlu direttament mal-*Malta Electricity Board* fuq il-kwistjoni tal-pensjoni, ittieħdet deċiżjoni mill-Kabinett li tkun kreata skema ta' pensjoni li tkun simili għal dik tal-Gvern sabiex il-ħaddiema ma jitilfux id-drittijiet li kellhom;
ii. Għalkemm din id-deċiżjoni ttieħdet fl-1970, din ma ġietx attwata;
iii. Fl-2019, wara anke kawża ġewwa l-qrati, il-Gvern iddeċieda li kien ser jattwa d-deċiżjoni tal-Kabinett tal-1970;

iv. Jidher li 252 persuna msemmija kienu persuni li daħħlu direttament mal-MEB u li ma kinux uffiċjali pubbliċi;

v. Il-*Malta Electricity Board* spiċċat fl-1977.

64. Issa fil-każ tar-rikorrenti din il-Qorti rat li:

i. Ir-rikorrenti, kuntrarjament għal xi ħaddiema tal-MEB, ma kinux uffiċjali pubbliċi iżda kienu impjegati ta' kumpanija privata;

ii. Ir-rikorrenti, flimkien ma' ħaddiema oħra ġew mogħtija tliet għażliet peress li l-Gvern Malti ttermina l-kuntratt mal-kumpanija International Aeradio Limited fl-1973 u l-ħaddiema għażlu li jżommu l-istess kundizzjonijiet mal-International Aeradio Limited '*cost-of-living improvements'* tal-Gvern sakemm il-faċilitajiet f'Malta jibqgħu jintużaw mill-awtoritajiet Brittaniċi u wara l-Gvern Malti ma kien ser ikollu l-ebda responsabbiltà lejn il-ħaddiema. Il-każ ta' MEB kien differenti.

iii. Fl-1 ta' April tal-1979, l-għada tat-tluq tal-awtoritajiet Brittaniċi, ir-rikorrenti ġew *appointed* mas-servizz pubbliku bħala ħaddiema tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili. Min-naħa l-oħra skont xhieda mressqa l-aħħar *appointment* mal-MEB kien fl-1977 u wara ħadet *over* l-Enemalta. Xhieda mill-Enemalta ma tressqux.

65. Meqjus dan din il-Qorti hi tal-fehma, li ċ-ċirkostanzi tar-rikorrenti u tal-ħaddiema tal-*Malta Electricity Board* mhumiex l-istess. Din il-Qorti ma tqisx li għaliex ir-rikorrenti kienu jaħdmu mas-servizz pubbliku awtomatikament kellhom jiggwadanjaw għall-pensjoni tat-teżor u dan meta kien hemm kundizzjonijiet oħra inkluż li persuna kellha tkun uffiċjal qabel il-15 ta' Jannar 1979. B'hekk ma tqisx sodisfatta l-mistoqsija tal-ewwel test.

66. Fir-rigward tal-argument imressaq mir-rikorrenti, li l-approċċ tal-Ewwel Qorti ma kienx tajjeb fil-mod ta' kif indirizzat l-artikoli in kwistjoni l-Ewwel Qorti, u li l-Ewwel Qorti kellha tindirizza l-ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem separatament mill-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni, jiġi meqjus li l-argument kollu tar-rikorrenti hu msejjes fuq il-premessa li l-Istat Malti kien diskriminatorju fil-konfront tagħhom. Il-loġika li għandha ssegwi allura hi li jekk ma jinstabx li r-rikorrenti ġew trattati b'mod diskriminatorju mela allura ma hemmx lok li wieħed jiddetermina hemmx ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll u dan għaliex il-bażi kollha tal-allegat telf hu mibni fuq l-ipoteżi li ħaddieħor fl-istess sitwazzjoni ġie trattat aħjar (anke jekk fil-verità l-Ewwel Qorti esplorat l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll). La din l-ipoteżi ma ġietx ikkonfermata mela ma hemm l-ebda raġuni biex il-Qorti tiddetermina jekk seħħx ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll, u la f'dan il-każ din il-Qorti ma tqisx li r-rikorrenti sfaw vittmi ta'

diskriminazzjoni, mela allura ma ssib l-ebda raġuni li din il-Qorti tiddetermina jekk seħħx ksur tad-drittijiet proprjetarji. Dan l-aggravju b'hekk jisfa miċħud.

***Decide***

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi li tiċħad l-appell, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss